# IL-PRESEPJU

Ħarġa 78 - Diċembru 2013



*Fuljett maħruġ mill-*
*Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta*

c/o Amaltea, 56, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

GHAQDA HBIEB TAL - PRESEPJU
Malta
1986

**Newspaper Post**

Fuljett maħruġ kull tliet xhur mill-Għaqda Ħbieb Tal-Presepju, Malta.

*Kull korrispondenza għandha tiġi indirizzata* lis-Segretarju, is-Sur Charles A. Bellia 'Amaltea' 56, Triq il-Marġ, Attard ATD 2382, Malta

**IL-PRESEPJU** jitqassam lill-membri tal-Għaqda u għalhekk biex tirċevih ħallas il-miżata ta' €5 kull sena lill-kaxxier. Kontribuzzjonijiet oħra tagħkom ħalli jinfdew il-ħlasijiet ta' l-istampar huma ferm apprezzati.

Apprezzament speċjali jmur għas-Sinjura Jessie Chircop li ħadet ħsieb il-'proof-reading'

# Werrej


L-Editorjal ... 3
Kelmtejn mill-President ... 4
Kont taf li ... 4
Milied fost il-bżonn ... 5
Paġna għat-tfal ... 7
Il-Milied ta' San Franġisk ... 9
Sensiela ta' Films tal-Milied (8) ... 12
L-Istranġieri ta' Lejliet il-Milied u tal-Lum ... 14
Il-Bambin ta' Praga u Malta ... 16
Tifkiriet tal-Milied f'ħajti ... 18
Mid-Djarju tagħna ... 21
Kalendarju 2014 ... 24
Praspura li Ġrat lil Verdi fil-Lejl tal-Mlied ... 26
Il-Ħamiem fl-istorja tan-Nativitá ... 28
Jum il-Milied ... 31
It-Tifel tal-Familja Cassar ... 33
Il-Ħlejqa tal-Mulej ... 34
Museum Internazzjonali tan-Nativitá ... 35
Kurunella lil Ġesù Bambin ... 37
X'kull waħda ... 38
L-Għanja tal-Milied ... 40
Tal-Pasturi – Snajja tal-Imgħoddi ... 42
Il-Presepju Ħaj ta' Ħal Lija ... 44
Diċembru 2012 ... 45
Il-Presepju tiegħi ... 46


**Setting:**
**Aldo Busuttil**

**Stampat:** BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi.
Tel: 2168 0789, 2164 9012
bestprint@maltanet.net

**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta, tixtieq tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**

# L-Editorjal

Il-Milied. Kelma tal-għaġeb għalina l-insara. Tfisser il-bidu tas-Salvazzjoni. Kemm hija qawwija l-kelma salvazzjoni. Veru ta' min wieħed jaħseb u jirrifletti fuqha. Pero', l-kelma Milied ma tfissirx l-istess ħaġa għal kulħadd. Ngħidu aħna għan-negozjant aktarx tfisser żmien fejn jista' jdaħħal kemxa flus mill-bejgħ tal-oġġetti li jkollu fil-ħanut tiegħu. Għal min iħobb jiddeverti, l-Milied ifisser żmien ta' tberbiq ta' flus f'rigali, festini, ikliet, xalar f'*night clubs* eċċ.

Biex ma noqgħodx indur mal-lewża, l-Milied sar ifisser, għal ħafna nies, kollox barra dak li suppost in-nisrani qed ifakkar... it-Twelid tal-Bambin. Donnu li l-aħbar li l-anġli ħabbru lir-rgħajja li twieled is-salvatur, waqgħet fuq widnejn torox. Festa qaddisa u kompletament reliġjuża żvojtat mit-tifsira veru tagħha. Wieħed jaħseb li biex tiċċelebra festa, kemm tar-raħal jew bħal fil-kas tagħna l-Milied, trid tiddamdam. Trid tkun sinjur, xalatur, biex il-ferħ estern jibla' l-veru ferħ spiritwali. Meta dak li jkun, ikun qed jagħmel hekk ikun żvija t-triq tal-verita, jkun qabad triq lixxa u bla kantunieri. Għalfejn ġie fid-dinja l-Bambin? Biex jixxala? Biex jinsa t-tbatija li għadda minnha? Żgur li mhux hekk!! Il-Milied nisrani, li tiċċelebra l-Knisja kattolika, jġibilna quddiem għajnejna l-pass li għamel il-Missier meta bagħat lil Ibnu fid-dinja għax ma ħamilx jarana nintilfu għal dejjem. Fil-patt li għamel mal-bnedmin, Alla ssagrifika lil ibnu biex jifdi l-umanita'. Il-wegħda żammha. Aħna warrabniha.

Aħna tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju x'qegħdin nagħmlu? Qegħdin nifhmu l-kobor tal-ġrajja li tant iġġibilna ferħ f'qalbna meta nibnu l-presepju? Qegħdin nifhmu s-sinjifikat tal-ambjent li qegħdin nibnu biex jifforma l-presepju? Nispera u nittama, għax jekk le, nkunu bħal dawk li fil-festa jiċċelebraw bla ma jkunu jirrispetaw is-sinjifikat tal-mument.

Jien naħseb, li bi ftit sforz, il-bniedem għad jerġa' jinduna li l-festa proprja tal-Milied hija dik spiritwali. Dik li mal-bidu tal-Avvent nibdew it-triq tal-indiema biex wara erba' ġimgħat nersqu niċċelebraw il-festa l-kbira tat-twelid tal-Bambin.

Minn qalbi nixtiqilkom Milied Hieni u s-Sena Tajba. J'Alla nifhmu sew din il-ġrajja u ngħixuha.

Saħħa.

**Frans Chircop**
**Editur**



# Kelmtejn mill-President

**Andrew Spiteri**
**President**



Din hija l-ewwel sena tiegħi bħala President tal-Għaqda tagħna u għalhekk nixtieq nibda billi nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat għal ħidma li wettqu matul is-sena li waslet biex tintemm. Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex insellem lill-President ta' qabli, s-Sur Mario Buontempo għax-xoghol li wettaq għal diversi snin qabel ma mar igawdi postu ħdejn il-Mulej.

L-għan ewlieni ta' l-Għaqda tagħna hu li nifirxu l-presepju fid-djar Maltin u x'hemm aħjar milli kull sena nagħmlu kors dwar il-bini tal-presepju. B'sodisfazzjon ngħid li din is-sena kellna konkorrenza kbira ta' żgħażagħ u anki dawk li m'għadhomx daqshekk żgħar, li kien immexxi minn Charles Bellia u Adrian Theuma bl-għajnuna tal-membri tal-kumitat.

Suċċess ieħor għalina kienet in-Notte Bianca meta l-publiku ġie jiltaqa' magħna u ħareġ sodisfatt bil-wirja ta' artiġjanat li ħloqna fis-sala ta' San Franġisk. Grazzi lil min ta sehmu.

Ix-xogħol tagħna ma jieqaf qatt u din is-sena ħdimna biex narmaw għal wirja anwali aħjar mis-sena ta' qabel billi saħħaħna l-vetrini biex nagħtuhom dehra professjonali u fl-istess ħin joffru sikurezza għal-presepji tagħna.

Hawn nixtieq nieħu l-okkażjoni biex inħajjar iktar membri biex jipparteċipaw fil-ħidma ta' l-Għaqda biex b'hekk iħossuhom iktar parti mill-Għaqda tagħna.

Fl-aħħar nett, f'ismi u f'isem il-kumitat nawgura lill-membri u l-familji tagħhom l-isbaħ xewqat għal Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija risq u barka.

# Kont taf li ..........

Jingħad li San Franġisk t'Assisi kien minn ta' quddiem li daħħal id-drawwa tal-Presepju?

Dan il-qaddis kien twieled f'familja sinjura ħafna. Imma meta kkonverta minn ħajja li ma tantx kienet tajba hu kien impressjonat bl-imħabba t'Alla għall-bniedem. Waqqaf għaqda ta' patrijiet li kienu jgħinu l-fqar.

Fl-1223, lejljiet il-Milied, ġabar miegħu l-bdiewa u r-rgħajja li kienu jgħixu qrib il-belt ta' Greċċio. Ix-xewqa tiegħu kienet li juri lil dawk in-nies fqajrin l-imħabba li Alla kellu għalihom meta Ibnu twieled f'għar fqajjar f'Betlem. In-nies stess li kienu marru ma' dan il-bniedem qaddis saru parti minn presepju ħaj.

San Franġisk qajjem devozzjoni kbira lejn il-presepju u minn dak iż-żmien 'l hawn din id-drawwa baqgħet ħajja.

Ikun tabilħaqq dnub jekk ninsew li l-Milied hi l-festa ta' Ġesù u mhux festa tar-rigali u l-ħruġ biss.

# Milied fost il-bżonn

*(b'dedika lill-ħabiba tiegħi)*

**minn Marianne Tabone**

Kienet l-ewwel sena li l-Milied kien se jiġi f'mument ta' dwejjaq kbar għal Rożella. Ftit xhur qabel kienet sfat armla. Ir-raġel tagħha kien miet waqt li kien qiegħed jaħdem f'sit ta' kostruzzjoni. Saqaf li kien qiegħed jaħdem fuqu sfronda u hu sab ruħu nieżel f'dagħbien ta' ħames sulari. Mad-daqqa ħalla ħajtu.

Rożella sabet ruħha armla ftit wara ż-żwieġ. Mank sena ma kien ilhom miżżewġin u żgur li qatt ma stenniet li se tisfa' weħidha. Il-Milied kien żmien diffiċli. Kull fejn iddawwar wiċċha ħlief tiżjin tal-Milied fil-ħwienet ma kinetx tara. U hi anqas il-Bambin ma kellha qalb tarma kif kienet tagħmel is-soltu. Aħseb u ara s-siġra tal-Milied u t-tiżjin l-ieħor. Ħlief il-ħsieb ta' żewġha ma kelliex f'moħħha. Kellha rabja kbira anke lejn Alla u dispjaċir kbir li kellha tisfa' armla bla ħsieb. X'gawdiet mill-ħajja ta' miżżewġa? Kienet krudila l-mewt ta' dan ir-raġel li tant kienet tħobb.

Aktar kemm beda joqrob il-Milied aktar id-dwejjaq żdiedu. Bdiet taħseb li għaliha ma kienx hemm tama li l-Milied kien se jġib xi ftit tas-sabar. Ippruvat terħi ruħha f'idejn Alla kif kienet mgħallma fi tfulitha imma s-sabar kien il-bogħod minnha. Niesha ħajruha biex tmur għandhom biex ma tkunx weħidha. Imma meta wriethom li ma xtaqet tmur għand ħadd ħallewha bi kwietha. Ħasbu li aħjar ma jdejquhiex. Avolja spjegawlha li kull ma kienu organizzaw kienet ikla sempliċi imma xorta rrifjutat.

Wasal lejlet il-Milied u Rożella bdiet taħseb kif kienet se tqatta' l-jum tal-għada. Imbagħad ġie ħsieb f'moħħha. Ħasbet li forsi setgħet tkun ta' għajnuna għal xi ħadd. Ftakret li meta kienet għada tagħmel kors l-universita bħala parti mix-xogħol kienet marret tagħmel volontarjat ta' ftit ġimgħat fl-isptar tal-anzjani. Ftakret kemm kienet impressjonat ruħha meta ċerti anzjani rrakkuntawlha li ħadd ma kien imur jarahom.

Dak il-ħin ħasbet li setgħet tkun ta' ġid għal xi ħadd u waħħlet f'rasha li tqatta' l-jum qaddis ma' xi anzjani li jkunu weħidhom. Ċemplet lil tad-dar u qaltilhom bil-ħsieb tagħha. Kollha ħadu nifs qawwi! Almenu Rożella ma kienetx se tqatta' l-Milied weħidha. Kienu jafu li kienet tfajla qalbha kbira u kienu ċerti li meta tkun hemm żgur kienet tagħmel il-ġid u anke tieħu hi stess is-sabar li tant kellha bżonn.

L-għada qamet kmieni biex tasal fil-ħin li kienet ftehmet mal-amministratur u fi ftit ħin kienet lesta biex titlaq. Malli wasal il-ħin bdiet taqta' qalbha li tmur imma għamlet il-kuraġġ u ħarġet mid-dar. Fit-triq ħasbet li b'daqsekk ma kienetx qiegħda tonqos mir-rispett lil żewġha. Talbet għalih it-triq kollha u offriet il-ġurnata għal ruħu.

Waslet u daħlet fl-uffiċċju li wrewha. Hemmhekk il-persuna li kienet in charge urietha xi anzjani li jew ma kellhomx min jiġi minnhom jew li kienu minsijin minn qrabathom. Issa Rożella ma riedet tagħmel ebda sforz biex tifhem il-qagħda tagħhom. Setgħet tifhem aħjar xi tfisser tkun waħdek. Issa hi ukoll kienet weħidha.

U bdiet iddur minn siġġu tar-roti għall-ieħor u tkellem lil wieħed jew waħda. Ħalliethom jiftħu qalbhom bil-paċenzja kollha. Indunat

li dak kellhom bżonn. L-istejjer li bdiet tisma' kienu ta' qsim il-qalb. Mara anzjana, Franġiska, qaltilha li wliedha kienu kollha miżżewġin u kien ilhom ma jiġu jarawha x-xhur. Miskina ppruvat iġġibilhom skuża li kollha kellhom x'jagħmlu mal-familja. Raġel ieħor, Rafel, spjegalha li hu kien kurunell fl-armata meta kien żagħżugħ. Kien spiċċa waħdu għax martu kienet mietet u ħutu kienu msifrin. Tfal qatt ma kellu u waqt li sħabu tal-ward kienu kultant jiġu jarawhom xi ħadd tal-familja hu dejjem ikun waħdu. Żewġ nisa, Rita u Karmni, spjegawlha b'qalbhom maqsuma li wliedhom kienu jiġu jarawhom biss meta tasal il-pensjoni. Ġuża saħansitra qalet li bintha kienet ġegħlitha tagħtiha prokura biex tiġbor il-pensjoni hi f'isimha. Kienet tieħu kollox hi u lilha kienet tagħtiha biss ftit pocket money.

Għalkemm is-sala kienet imżejna u kien hemm presepju kbir f'rokna, l-anzjani li bdiet tkellem ma tantx kienu jidhru li kienu ferħanin. Kienu dawk li ma kinux qegħdin jistennew lil xi ħadd jiġi jarahom. Dawk li ma kienux fis-sala kienu marru xi ftit id-dar ma' qrabathom.

U Rożella semgħet l-istejjer u ppruvat iddaħħal xi ftit tas-sabar fi qlub dawk in-nies. Iddispjaċiha għalihom. Għal xi ħin bdiet tħoss rabja kbira li tant nies kienu abbandunati u ħadd ma kien jindenja ruħu jmur jarahom. Imma mbagħad bdiet tinduna li billi toqgħod tirrabja ma kienet se tieħu xejn – la hi u anqas u anqas dawk in-nies. Għal ftit ħin insiet l-għali tagħha u bdiet taħseb kif setgħet iddaħħal ftit spirtu tal-Milied f'qalb dawk l-imsejkna.

Għajnejha marru fuq il-Presepju kbir li l-infermiera u l-ħaddiema l-oħra kienu rmaw fis-sala. Staqsiet lil ftit mill-anzjani xtaqux imorru qribu. Kull waħda u wieħed li bdiet tistaqsi bdew jgħidulha 'iva'. Bil-mod il-mod bdiet issuq il-wheelchairs lejn il-presepju. Xi oħrajn li ma kienetx għada tkellmet magħhom bdew isejħulha biex tqarrabhom ukoll. U f'kemm ili ngħidlek kien hemm numru mdaqqas ta' anzjani miġburin flimkien iħarsu lejn ix-xbiha ta' Ġesù tarbija, Maria, ommu u Ġużeppi, missieru.

Għall-ewwel Rożella kkonfondiet. Kemm se jdumu jħarsu lejn ix-xena ta' dak it-twelid qaddis. Bdiet taħseb li kienu se jixbgħu. Ktieb tat-talb ma kellhiex. Imma mxiet kif qaltilha qalbha li f'dak il-ħin kienet tant tixbah lil dawk l-abbandunati u bdiet titkellem ma' Ġesù kif bdiet tħoss. Ġesù kien jaf xi tfisser li tkun abbandunat. Tarbija ċkejkna, l-Iben t'Alla ma sabet kenn imkien u kellha tiġi fid-dinja f'daqsxejn ta' stalla mal-annimali. U wara, meta kien spiċċa l-missjoni tiegħu u kien wasal biex imut għalina, sħabu kienu ħallewh waħdu meta s-suldati qabduh biex isallbuh.

Uħud mill-anzjani neħħew il-mistħija u bdew jitkellmu ma' Ġesù qisu kien ħdejhom fil-ġisem. Kulħadd ħassu kommoss. Dawk l-anzjani ħassew li kienu qegħdin jiftħu qalbhom ma' Ġesù u li hu kien qiegħed jifhem minn xiex kienu għaddejjin. Għal xi ħin insew id-dwejjaq tal-abbandun u ntelqu f'idejn il-Bambin u ommu Marija. U Rożella stess ukoll ħasset konsolazzjoni f'qalbha. Kollha kemm huma stabru u erħew ruħhom f'idejn Alla.

Dak il-presepju, dik is-sena, kien aktar ħa sinjifikat. U donnu l-Mulej għen lil kull wieħed u waħda minnhom. L-infermiera raw x'kien qiegħed jiġri u fil-ħin tal-ikel ħarġu l-imwejjed fis-sala fejn kien hemm il-presepju. Rożella bdiet tgħin lil xi wħud li ma setgħux jieklu weħidhom.

Permezz tal-presepju Rożella ħadet il-ġid hi stess u għenet lil min kien imnikket u qalbu maqtuha biex isib is-sabar u l-paċi. Kien l-ewwel Milied mingħajr il-maħbub żewġha imma ma kienx ħin ta' disprament u qtiegħ il-qalb. Madwar il-presepju ma' dawk l-anzjani sabet faraġ hi stess. Wara l-ikel bdew ikantaw innijiet tal-Milied flimkien. Minn dakinhar 'il quddiem Rożella bdiet tmur tara lil dawn il-ħbieb ġodda regolarment.

# Paġna għat-tfal...

Mamma Maria

# It-tifla Marida



Clara kien ilha ma tmur skola. Ma tantx kienet tifla popolari u kien hemm uħud mit-tfal tal-klassi li kienu jinkuha u anke jagħmluha tal-bullies magħha. L-għalliema, Miss Agius, kienet tagħmel ħilitha biex tiddefendiha imma uħud mis-subien kienu jsibuha anke wara l-iskola. Kien qiegħed joqrob il-Milied u t-tfal tal-klassi bdew iħejju biex jagħmlu presepju fil-klassi. Imma Miss Agius ħasdithom għax bdiet tagħżel ċerti tfal u tgħidilhom li ma kellhomx permess jieħdu sehem fil-bini u l-armar tal-presepju. Għall-ewwel ħadd ma beda jifhem, imma Miss Agius qaltilhom li min ikun lest li jaħqar tfal oħra ma kienx veru jħobb lil Bambin Ġesù. Anke xi ommijiet gergru u anke marru jkellmu lil Miss Agius. Spjegatilhom il-ħsieb tagħha u fehmu. Imma l-ħasda li ħadu servithom ta' ġid għax wissew lil uliedhom li dak li kienu qegħdin jagħmlu ma' Clara kien ħażin.

Miss Agius ma kellha ebda intenzjoni li tħalli barra lil dawk it-tfal bullies. Imma riedet tagħtihom lezzjoni kbira biżżejjed li tħalli impressjoni fuqhom u li twassalhom biex jieqfu mill-bullying. Wara ftit sejħet lill-bullies u bi kliem meqjus wasslithom biex iwegħdu li mhux se jkomplu. Imbagħad tagħthom xi xogħol fuq il-presepju.

Ftit ġranet qabel il-Milied fil-klassi waslet aħbar ħażina ħafna. Clara kienet marida u wara li għamlet ħafna

testijiet it-tobba qalu lill-ġenituri tagħha li kellha marda serja ħafna. Dakinhar stess wara nofsinhar ommha u missierha kellhom isiefru l-Ingilterra biex tibda tieħu l-kura hemm.

Ms. Agius ġabret it-tfal madwar il-presepju u flimkien, hi u t-tfal tal-klassi bdew jitolbu għal Clara. Ms. Agius ferħet meta ndunat li dawk li qabel kienu bullies ma' Clara talbu b'sinċerità kbira u ammettew mal-Bambin tal-Presepju li kienu għamlu ħażin imma li issa kienu jixtiequ li Clara tfiq. Miss Agius ħasset qalbha tingħafas meta semgħet kliem it-tfal u anke hi talbet bil-qalb għall-fejqan tat-tifla ċkejkna.

L-iskola spiċċat wara li sar il-kunċert tal-Milied kif kien isir is-soltu u wara li fil-klassijiet sar party żgħir. Matul il-vaganzi Miss Agius irċeviet telefonata minn għand il-ġenituri ta' Clara fejn qaltilhom li l-marda ta' Clara ma kienetx daqshekk ħarxa daqs kemm kienu ħasbu t-tobba ta' Malta. Bi ftit tal-kura oħra setgħet tiġi lura Malta u tkompli tattendi l-iskola bħal qabel.

Ms. Agius tant ħadet gost li ċemplet lit-tfal kollha tal-klassi u tagħthom din l-aħbar sabiħa. Kien hemm uħud mit-tfal li bkew bil-ferħ.

Ftit ġimgħat wara li reġgħu lura lejn l-iskola Clara reġgħet lura fil-klassi. Kuħadd feraħ biha u talbu lil Miss Agius biex jagħmlu party żgħir bħala sinjal li kienu qegħdin jifirħu biha. U anke biex ipattu li l-party tal-Milied kienet tilfitu. Biex tkompli żżid mal-atmosfera Miss Agius reġgħet armat anke l-presepju. Reġgħu talbu quddiem il-Bambin u rringrazzjawh tal-grazzja li kienu qalgħu tal-fejqan ta' Clara.

Dik is-sena fil-klassi ta' Miss Agius il-Milied ġie mfakkar darbtejn imma f'qalb it-tfal tal-klassi dik ix-xbiha tat-twelid ta' Ġesù baqgħet magħhom matul is-sena kollha u qatt iżjed ma semgħu li xi ħadd kien bully. Il-presepju kien il-mezz ta' għaqda fil-klassi.

F'dan iż-żmien ta' ferħ
niftakru f'dawk li ħallewna,
speċjalment
fl-ex President tal-Għaqda
Ħbieb tal-Presepju - Malta,
is-Sur Mario Buontempo,
ħbieb u qraba.
Dawn issa qed igawdu
lil Ġesù Bambin.

# Il-Milied ta' San Franġisk

**minn Rev. A. Tabone**

**(minn il-Malti)**

Greċċio! Ir-raħal ċkejken tal-Umbria li tħaddar is-sena kollha; ir-raħal sieket iżda ħelu li baqa' jissemma fl-istorja Franġiskana għal ħwejjeġ kbar u tal-għaġeb li ġraw fih ma' tul il-mixja ta' 700 sena.

Ħarsu. Għadu kif wasal hawn bniedem barrani, wiċċu daħkani, mera ċar tas-safa ta' qalbu, ġwejjed u twajjeb ma' kulħadd, iħobb saħansitra lid-dud u lin-nemel, ħadd ma għandu għadu tiegħu, il-ħlejjaq kollha ħbieb tal-qalb tiegħu. Ħarsu lejh: aktarx ftit qsajjar, b'xagħru qastni, wiċċu mislut ftit mixrub u smajjar; għajnejh imdaqqsin, ħajjin u suwed; ġbinu żgħir bi ftit rigi, iserrpu minn tulu; widnejh żgħar għalkemm ftit imwaqqfa; ilsienu ħafif u jaqta'; xofftejh irqaq u sfajra; leħnu qawwi u ċar u ħelu; snienu sħaħ u bojod; saqajh indaf. Bil-qorq u l-qfieli; qalbu f'odejh u lil ħadd ma jċanfar. Mhix ħaġa kbira mela jekk dan il-bniedem ftit tas-snin qabel, kien is-sultan taż-żgħażagħ u tal-festi u li bi ġmielu. Imġibtu u ġidu, kien saħħar għal warajh l-isbaħ tfajliet tal-belt ta' Assisi.

Imma ħarsu lejh sewwa. B'dak xagħru s-sabiħ, minflok iperper fuq spallejh maż-żiffa ħelwa tar-riħ, issa maqtugħ huwa mgħotti, b'ċoqqa ħoxna u tqila u mħażżem minn qaddu b'ħabel abjad.

Min hu dan il-bniedem? Għaraftuh? Franġisku minn Assisi li għadu kif wasal mill-bogħod minn ġewwa Betlem, hawn fir-raħal ta' Greċċio. Hu hekk għajjien li bilkemm jiflaħ jiċċaqlaq; hu hekk bil-ġuħ u bil-għatx li bilkemm jiflaħ jitkellem. Madankollu ma jridx jistrieħ u lanqas jitrejjaq iżda jrid biss igħanni u jkanta. Kien għadu ma qabadx it-trejqa ewlenija tar-raħal meta Franġisku beda jistaqsi għal ħabibu Ġanni Vellita.

"X'hemm, Ġann, ħija Ġann! Is-sliem u s-saħħa u l-paċi miegħek".

"Mel'inti hawn, ħabibi Franġisku? Merħba bik. Kif inti?"

"Ismagħni, Ġann; jiena ġejt narak għax għandi bżonnok."

"Jaqaw? Fiex nista' naqdik, għidli? Għandek bżonn ta' xi flus, ta' ikel jew ta' xi ħwejjeġ? Għidli?"

"Le, ħija Ġanni. Xejn minn dana kollu? Ħaġa waħda biss irrid minn għandek. Il-Poeżija."

Ġanni beda jidħak.

"Jiena miniex poeta; inti taf, jiena bidwi. Bilkemm naf naqra u nħarbex xi kelma. Il-pinen tiegħi huma l-moħriet u l-imgħażqa, u l-kotba huma l-ħbula tar-raba'. Ħares lejn qiegħ idejja kif ibbiesu u xrafu bil-marlozz ta' l-imgħażqa u għarqubi flieli tas-safra. Jiena, għażiż ħabibi, għandi biss raba', baqar, tiġieġ u qżieqeż, ħrief, gidien ma' ommijiethom jirgħu u jimirħu fil-bosk li qed tara quddiemek. Jiena miniex poeta. "Madankollu, ħija Ġanni, inti llum trid tagħtini l-poeżija, poeżija mingħajr kliem u taqbil, iżda poeżija qabbieża, sħuna u ħajja kif taf tagħtihielna ommna n-natura."

"Miniex nifhmek, għażiż Franġisku; ma nafx x'poeżija inti trid minni."

"Ħija Ġanni, inti ma għedtx li għandek bosk ċkejken."

"Iva Franġisku."

"Tajjeb, ħija Ġanni. F'dan il-bosk tiegħek m'għandekx inti xi erwieħ li jgħannu bin-nar u bil-lejl jistrieħu?'

Ġanni beda jħokk rasu u jaħseb.

"Ma nafx, Franġisku. Li erwieħ bħal dawn

jinsabu fil-bosk tiegħi....”

“Erwieħ li jaqbżu. Igerrmu, inaqqru, itiru....”

“Issa fhimtek; fniek u għasafar, hux, Franġisku?”

“Iva, ħija Ġanni, l-agħsafar... ħutna l-agħsafar. U min igħanni isbaħ minnhom? Għidli, ħija Ġanni, u hemm fil-bosk tiegħek m’għandekx xi għar ċkejken?”

“Għandi. Għandi għar imdaqqas, maqtuħ f’nofs ir-rampa żonqrija fejn inqiegħed il-qfief u l-għodda, u fix-xita nistkenn jien u l-kelba tiegħi.”

Mela, ħija Ġanni, mur lejn il-maxtura fil-għar tiegħek u għamlilha ftit tiben u ġib il-ħmar u wieħed mill-għoġġiela tiegħek.”

“U dawn norbothom ħdejn il-maxtura?”

“M’hemmx għalfejn, ħija Ġanni, għax dal-lejl il-ħmar u l-għoġol isiru aħwa l-aktar ġwejdin u twajbin tad-dinja.” Ġanni mejjel kemm kemm rasu, beda jidħak u minn taħt l-ilsien qal: “Min jaf x’ġej il-lejl?”

“Il-lejl, ħija Ġanni, il-bosk tiegħek irid isir Ġenna. L-arja safja, qawwija u hiemda, sejra tkun minflok l-inċens ifewwaħ, u l-firxa tas-sema tan-nir, miżgħud bil-kwiekeb ġerrejja, minflok is-saqaf ta’ l-aqwa knisja. L-agħsafar tal-bosk iqumu min-nagħsa tagħhom iħarsu mistagħġbin ma’ dwarhom u jħollu lsienhom f’għana ta’ ferħ u ta’ mħabba. Huma jgħannu flimkien: Tkun imfaħħar, ja Mulej, f’dan il-lejl tat-twelid tiegħek. Is-sliem u l-paċi lill-bnedmin kollha tajbin u ħżiena. Iva, lill-ħżiena wkoll, sabiex jagħirfuh u jagħtuh qima. Sebħ ‘l Alla fil-għoli tas-smewwiet u l-paċi fl-art lill-bnedmin ta’ rieda tajba.

“Ħija Ġanni, għaliex qiegħed tistagħġeb? Jiena nwiegħdek li sa żfin ikollna. Ħutna l-fniek u ż-żrameġ tal-bosk tiegħek, għall-leħen ta’ dak il-kant u dawl ħelu, bla ma jkunu jridu, jieqfu fuq riġlejhom warranin, fil-waqt li bil-quddemin imellsu geddumhom u jħalsu widnejhom u jaqbżu ferħanin minn naħa għal oħra tal-bosk tiegħek. Ħija Ġanni, għażiż ta’ qalbi, mhijiex din poeżija?”



U Ġanni jibqa’ sieket, rasu baxxuta u donnu jrid jidħak fil-waqt li xi taqtiriet dmugħ bdew iġelbu minn għajnejh ħomor u jaqgħu fuq mustaċċih kbar, weqfin u bojod.

“Tajjeb, ħija Ġanni, meta xi ħaġa tqanqal għad-daħk u għall-biki f’daqqa, għid li din hi poeżija. Agħtini, nitolbok, din il-poeżija u issa stess mur għid lin-nies tar-raħal li ma’ nofs il-lejl sejrin inkantaw il-quddiesa fil-għar tal-bosk tiegħek.”

Nofs il-lejl sewwa.

Ġewwa l-għar ta’ Greccio tidher lesta l-maxtura bi ftit tiben fiha li ma tingħarafx minn benniena ċkejkna. Il-ħmar

u l-għoġol maħlulin, mixħutin fl-art jixtarru u b'għajnejhom kbar iħarsu lejn il-maxtura. Ma' tul it-trejqa li sserrep mal-wied taħt is-siġar għoljin tal-faġġ, tal-luq, tal-ġewż u tal-qastan jidhru ġejjin qtajja' ta rġiel, nisa u tfal bl-imnajjar u fjakkli mixgħulin f'idejhom. Ilsna tan-nar jidhru mill-bogħod jiċċaqalqu u jlebilbu maż-żiffa ħelwa li kienet tfewweġ fil-bosk sal-għar ta' Greccio. U twajjeb Franġisku issa liebes l-ilbies tal-leviti sejjer ikanta l-Evanġelju. Skiet liema bħalu. Xi ħlewwa ta' qalb! X'dija tas-Sema!

Franġisku jispiċċa L-Evanġelu, idur lejn in-nies, jarfa' rasu, jorbot idejh fuq sidru u jibda jgħid: "Maħbubin ħuti ta' Greccio, jiena nsellmilkom u nberikkom fl-isem tal-Mulej, ta' dak il-Mulej li tnax –il mitt sena ilu ried jitwieled u jsir bniedem bħalna f'maxtura bħal din, fil-bard u fil-faqar, imsaħħan biss min-nifs sħun tal-ħmar u tal-għoġol. Dak il-lejl ta' Betlem kien sewwa sew bħal dan. Xejn ma tbiddel, tbiddlu biss il-bnedmin tad-dinja. Għall-aħjar jew għall-agħar ma nistax ngħidilkom. Naf biss li intom nies twajba għax ħallejtu s-sodda tagħkom u ġejtu hawn bħar-rgħajja ta' Betlem. Ma ġibtux magħkom u la inċens li jfewwaħ, u la deheb li jlellex u lanqas mirra li tfejjaq. Imma ġibtu magħkom il-qalb safja tagħkom, ħajja u li tħabbat bl-imħabba. X'hemm isbaħ u egħżeż minn qalb bħal din? Jiena mort fil-għar ta' Betlem, imma l-għar kien baħħ għal kollox. Xi qsim il-qalb! Xi dwejjaq! Inxtħitt għarkobbtejja fuq il-maxtura kiesħa u bdejt nibki u nbusha. Xi stajt nagħmel iktar, nies twajba ta' Greccio? Is-Sinjur u s-Sid tiegħi li hu wkoll is-Sinjur u s-Sid tagħkom, tal-art, tal-baħar u tal-kwiekeb, huwa wkoll, darba waħda, bħal dal-lejl beka minħabba fija u minħabba ħtijieti. Iżda fil-waqt li kont nolfoq u nixher deherli li smajt leħen ta' Bambin ċkejken iqawwili qalbi u jgħidli: La tibżax, Franġisku; keċċi d-dwejjaq ta' qalbek; qum u mur fil-paċi tiegħek. Mur, imxi, kanta u għanni sakemm ma jirnexxilekx issibni. Għalhekk jiena mxejt daqshekk u ġejt hawn ġewwa dan l-għar tat-twajjeb Ġanni sabiex inbiddlu fi presepju u nkantaw il-quddiesa f'dan il-lejl tal-Milied li hu l-isbaħ lejl ta' ma' tul is-sena. X'jonqos ħlief dak il-Bambin qaddis, Bambin ħlejju? O li kieku kellna narawh b'dawn il-għajnejn tal-ġisem!...."

Franġisku f'daqqa waħda jieqaf, iħares, jitriegħed....

L-ewwel skiet kbir, imbagħad għagħa kbira. In-nies bdiet tgħajjat: Miraklu, miraklu.... Bambin! Franġisku miġnun bil-ferħ, jolfoq, jersaq lejn il-maxtura jbus u jħaddan ma' sidru dik it-tarbija ċkejkna ħajja, ħelwa, daħkanija. In-nies irossu: min igħajjat, min jolfoq bil-ferħ, min jistagħġeb. Il-ħmar u l-għoġol għarkobbtejhom iħarsu b'għajnejhom kbar lejn dik it-tarbija u jsaħħnuha bin-nifs tagħhom. Il-kwiekeb jiddu u jleqqu sbieħ fil-għoli tas-sema safi u jiġru ferħanin minn naħa għal oħra. Il-għasafar, imqajmin mid-dawl tal-fjakkli u ta' l-imnajjar, jittajru u jgħannu flimkien geġwiġija waħda. Sa l-fniek bdew jaqbżu u jiżfnu fuq il-weraq niexef tas-siġar.

U t-twajjeb Ġanni?! Hemm ħdejn il-bieb tal-għar tiegħu, miblugħ u mistagħġeb b'dak li kien qiegħed jisma' u jara, donnu qiegħed joħlom, donnu f'dinja oħra, u, bid-dmugħ f'għajnejh u bi lsienu jtemtem, beda jgħid lilu nnifsu: Din tabilħaqq poeżija.

*Din is-silta hija meħuda mill ktieb Ġabra ta' Proża għat-tfal, it-tieni ktieb.(1970)*

## Sensiela ta' Films tal-Milied (8)

**minn Frans Chircop**

# Richie Rich's Christmas Wish

### L-istorja

Kien lejlet il-Milied u Richie Rich, l-iktar tifel sinjur tad-dinja, huwa eċitat ħafna għax kien ser iqatta' ġurnata ma' sħabu. Hekk kif hu kien qiegħed jiġri u jixxala fuq is-silġ bis-slitti, l-maġġordom ta' Richie, Cadbury, qagħad jikkontrolla s-slitti bir-*remote control* u jigwidhom għad-dar ta' Richie. Il-maġġordom ifakkar lil Richie fir-risponsibbilitajiet tiegħu li kellu jwettaq fl-lejlet il-Milied u fakkru biex ibiddel ħwejġu biex ikun lest għat-te'. Qabel ma mar ibiddel ħwejġu ħaseb biex imur jara lix-xjentist residenti fid-dar tiegħu, l-professur Keanbean. Dan wera l-invenzjoni riċenti, l-magna li taqta' x-xewqat fl-lejlet il-Milied biss. Inzerta li dakinhar Richie xtaq torta kbira minn dik l-imbierka magna. Minflok din ipproduċiet ħmieġ tal-qażquż.

Cadbury huwa ddiżgustat meta ra hekk, u bagħtu jbiddel il-ħwejjeġ. Hawnhekk jiltaqa' mal ġenituri tiegħu, Richard u Reġina Rich biex jistaqsihom x'jixtiequ bħala rigal għall-Milied. Sadanittant, hekk kif kien magħhom, ipprova l-qasba l-ġdida tas-sajd ta' missieru li kienet ġiet ivintata minn Keanbean. Wara mar ibiddel ħwejġu.

Meta kienu qed jieħdu it-te, Richie jiltaqa' ma' kuġinuh Reggie Van Dough, imfissed u mqareb. Dan kien jixtieq ħafna li jkun sinjur bħal Richie. Iktar tard libes ta' għafrid ( spirtu nebbiexi li jagħmel il-ħsara), flimkien ma' Cadbury li libes ta' Father Christmas biex imorru jqassmu r-rigali lit-tfal fid-dar tal-orfni, li kienet immexxija mill-familja Rich. F'dan l-istadju, Cadbury jgħid lil Richie, li meta kien




| | |
|---|---|
| dderiġieh | John Murlowski |
| Maħdum minn | Mike Elliott |
| | Amy Goldberg |
| Kitba ta' | Jason Feffer |
| | Mark Furey |
| | Rob Kerchner |
| Atturi | David Gallagher |
| | Martin Mull |
| | Michelle Trachtenberg |
| | Eugene Levy |
| | Keene Curtis |
| Mużika minn | Deddy Tzur, Saban |
| Ċinematografija ta' | Christian Sebaldt |
| Editjat minn | John Gilbert |
| Inħadem fl-istudio ta' | Saban Entertainment |
| | Harvey Entertainment |
| Imqassam għall-wiri minn | Warner Home Video |
| Ħareġ l-ewwel darba | 3ta' Novembru , 1998 |
| Twil | 84 minuta |
| Post | L-Amerika |
| Lingwa | Ingliża |

għadu adolexxenti hu, kien popolari ħafna fl-era tar-rock u fil-fatt kien jifforma parti mill-band group bl-isem *Root Canal.* Meta kollox kien lest rikbu s-slitta u għosfru fi-sema bir-

rigali. Hawn Richie ħa l-kontroll tas-slitta li kienet ivvintata minn Keanbean.

Tant kien traskurat fil-kontroll tas-slitta li beda għaddej bl-addoċċ mit-toroq, ħwienet u qalb in-nies, li kważi ħarbat kollox fil-proċess. Richie u Cadbury spiċċaw f'inċident. Is-slitta splodiet bir-rigali b'kollox. Cadbury weġġa' serjament irkobbtu. Richie, kif ra dik is-sitwazzjoni, mar jiġri biex iġib l-għajnuna. Hekk kif daħal fil-belt induna li n-nies kollha bdew iħarsu lejh biċċiera u kulħadd jiskartah. Hekk kif kien għadu mħawwad b'dak li kien qed jisma' u jara, jinnota li Reġġie l-kuġin l-imfissed, kien qiegħed jaqla' ħafna qlajjiet fuqu u kien saħansitra dawwar in-nies kontrih.

Muġugħ u qalbu sewda, Richie mar fil-laboratorju ta' Keanbean u poġġa bilqiegħda quddiem il-*Wishing Machine.* F'dak il-ħin l-ewwel xewqa li ġiet quddiem għajnejh kienet li qatt ma twieled. Pronta pronta l-Wishing Machine qatgħetlu xewqtu u ħaditu f'dinja oħra fejn hu qatt ma twieled. Sa danittant Reġġie ħa l-post ta' Richie u b'hekk sar l-aktar tifel sinjur tad-dinja. Beda jkun dominanti ħafna. Biddel l-ismijiet tat-toroq u semmihom għalih. Ħadd ma baqa' ferħan u l-ġuħ u l-miżerja kienu jidhru kullimkien. Hawn Richie irrejalizża li kien għamel żball meta xtaq li qatt ma twieled u talab biex jerġa jmur lura mnejn ġie.

Il-ġenituri ta' Richie ma baqgħux jagħrfuh aktar; pero' l-kelb Dollar għarfu. Il-kelb beda jmur ma' Richie li kien sidu flok imur ma' Reggie. Meta ra hekk dan ta' l-aħħar ordna l-puluzija biex jarrestaw lil Richie għax qallu li kien qed jisraq il-klieb. Richie irrnexielu jaħrab lill- puluzija u fl-istess ħin isib lil Cadbury u Keanbean. Richie jistaqsi lil Keanbean jekk il-Wishing machine għadhiex taħdem. Dan qallu li għadha, pero' jonqosha għadma oħra biex tkun kompluta. Sħabu raw kif jgħinu lil Richie u marru fil-mużew tal-belt biex jakkwistaw l-għadma ta' dinosawru billi juża l-qasba invvintata minn Keanbean. Richie jinduna li l-ġenituri ta' Reġġie' kien jaħdmu ta' gwardjani matul il-lejl.

Hekk kif waslu l-laboratorju bdew jaħdmu fuq il-magna u rnexxielhom iħaddmuha. Fil-pront jiġi Reggie flimkien ma' puluzija li arresta lil kulħadd u xeħethom il-ħabs. Reggie jieħu l-wishing machine id-dar. Hawn ipprova l-magna u għamel xewqa li jkun jista' jtir. Din ix-xewqa ġiet imwettqa u wara ftit, x'ħin mar jipprovha, jerġa' jiġi kif kien. Imma Reggie jsib li l-magna ġratilha l-ħsara minħabba li s-seftura tiegħu tfietha. Dan jirabja u jkisser il-magna u mar jorqod. Richie u sħabu jaħrbu mill-ħabs permezz tal-kelb Dollar. Dawn marru malajr fid-dar ta' Reggie u sabuh rieqed. Keanbean irranġa l-magna u hawn Reggie jattaka lir-Richie u l-sħabu iżda jiġi megħlub. Hekk kif dan seħħ, is-sitwazzjoni ġiet għan-normal u n-nies setgħu jerġgħu jiċċelebraw il-Milied kif kienu jagħmlu qabel. Richie reġa ġie Richie Rich u hawn kulħadd jinġabar mas-siġra tal-Milied u jibdew jkantaw il-kant tal-Milied.

# IL-ĦLAS TAL-MIŻATA

Bil-ħlas tal-miżata, avolja żgħir (€5.00)
tkun qed tgħin lill-Għaqda timxi l-quddiem.
Tista' tħallas il-miżata tiegħek bil-posta
jew waqt il-wirja fejn tingħata riċevuta immedjatament.
Grazzi.

# L-Istranġieri Ta' Lejliet Il-Milied U Tal-Llum

**minn Joe C. Cordina**

Snin ilu, lejla xitwija, raġel u mara anzjani, daħlu f'lukanda zgħira f' Philadelphia l-Amerika, biex jgħaddu l-lejl hemmhekk. Meta staqsew lill lukandier għal kamra, hu wieġibhom li l-kmamar kienu kollha okkupati. Pero' meta l-lukandier ra li kienu ilhom ifittxu fejn jorqdu u ma sabux, offrilhom il-kamra tiegħu stess u raqad fuq sufan. L-għada filgħodu wara li r-raġel u l-mara tiegħu, ħallsu lill-lukandier, ir-raġel qallu, "Int jixraqlek tkun manager tal-aqwa lukanda fl-Amerika". U mbagħad kompla, "Min jaf forsi xi ġurnata għad nibnilek waħda….."

Wara xi sentejn dan il-lukandier George C. Bolt, irċieva stedina biex imur New York għand dawn it-tnejn min-nies. F' dik il-belt, dawn ħaduh f'kantuniera ta' "Fifth Avenue" u "Thirty-fourth Street". Ir-raġel urih bini kbir li kien jidher ġdid u qallu, "Dik hija l-lukanda li jien bnejt għalik biex timmaniġġja int!" Dan ir-raġel kien William Waldorf Astor u l-lukanda kienet l-aktar waħda magħrufa ta' żmienha, il-Waldorf Astoria".

Meta George C. Bolt iltaqa' ma dawk it-tnejn minn nies għall-ewwel darba, għalih kienu biss żewġ stranġieri li ġew iħabbtulu l-bieb f' dak il-lejl xitwi. Ma kienx jafhom, imma ħasss għalihom u ħass li kellu jgħinhom. Ġietu ħniena minnhom u offrilhom daru stess, il-kamra fejn kien jorqod. Biex setgħa jaqdihom, ċaħħad lilu nnifsu mill-kamra komda tiegħu, u mar jorqod fuq sufan. Dan il-ġest ta' mħabba lejn għajru, lil George C. Bolt, issarraflu f' ġid kbir materjali. Pero' hu ma kienx jaf min huma u xorta tahom l-għajnuna tiegħu, u mingħajr riserva. U żgur dan il-ġest kien ġej mill-mod uman u spiritwali li kull wieħed għandu jħoss għal proxxmu tiegħu.

Elfejn sena ilu raġel u mara f'lejl xitwi, kienu wkoll qed ifittxu fejn joqogħdu. Ma kienux anzjani imma żewġ żgħażagħ. It-tfajla kienet tqila u kien waslilha ż-żmien u għalhekk kien jinħtieġilhom li jsibu kenn fejn jgħaddu dak il-lejl. Kienu ħabbtu ħafna bibien imma ħadd ma kien laqgħahom. Għas-sidien tal-lukandi dawn in-nies ukoll kienu biss żewġ stranġieri oħra li f'dak iż-żmien kienu jinstabu fil-Belt imħabba ċ-ċensiment. Liema lukandier kien qatt jobsor li t-tarbija li kellha twelled dik it-tfajla kellha tkun il-Mexxej il-kbir li kellu jitwieled biex imexxi lill-umanita kollha għas-salvazzjoni. Liema lukandier kien qatt jobsor



min setgħu kienu dik ix-xebba żgħażugħa u dak il-ġuvni. Fl-aħħar dawn it-tnejn min-nies sabu daqsxejn ta' għar u hemmhekk fil-kwiet u fil-paċi l' bogħod mill-għagħa tal-lukandi u mill-għagħa tan-nies, dik it-tfajla welldet it-tarbija. Kien il-bard u ma kellhiex "heater" biex issaħħan it-tarbija u l-anqas "cot" modern u lussuż f'hiex tqegħedha. Kien hemm biss in-nifs sħun ta' baqra u ħmara li nżertaw kienu hemm u lit-tarbija, din it-tfajla qiegħeditha fuq ftit tiben li kien hemm f'maxtura. Kien twelid sempliċi imma li mela lil dawn iż-żewġ żgħażagħ b'ferh u hena liema bħala. U min dak in-nhar l-hemm dan it-twelid baqa' jiġi irrakontat sal-ġurnata tal-llum.

U kif jaslu dawn il-ġranet li jikkommemoraw dan it-twelid, il-fatti li iċċirkundawh jinstemgħu jidhwu u jirrepetu ruħhom f'rakkonti sħaħ, fil-knejjes, fid-djar, fl-għaqdiet, fuq palkijiet. Dwar din l-istorja saru dokumentarji u films u l-ħaġa straordinarja hi li ħadd ma jiddejjaq jismagħha, anzi f' dawn il-ġranet tal-Milied, ir-rakkont tiegħu jimla lil kulhadd bl-hena u l-ferħ. U kulħadd miż-żgħir sal-kbir jieħu pjaċir jisma' kif qtajjiet kbar ta' anġli deheru fis-smewwiet ikantaw, "Glorja lill Alla fis-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda" u dwar kif anġli oħra dehru lir-rgħajja u tawhom l-aħbar tat-twelid tal-Messija u ħeġġuhom biex imorru jżuruh fl-Għar. U dwar il-kewkba li deheret għall-ewwel darba u kif intlemħet minn tlett Slaten li telqu kollox u segwewha sakemm sabu lil Ġesù Bambin u offrewlu r-rigali tagħhom. Storja din li sa minn mindu nkunu żgħar jirrakuntawwhielna u jissimbolawhielna permezz ta' grotti tal-kartapesta u permezz tal-presepju u tibqa' f'moħħna tibqa' magħna.

Storja din li minkejja s-sempliċita tagħha hi mimlija tagħlim u tifsir li jtina spinta biex nirriflettu u ngħażlu tifsir jew it-tagħlim li jkun jgħodd għalina fiċ-ċirkustanżi tal-ħajja. Jekk per eżempju nieħdu l-fatt li tnejn minn nies kellhom bżonn fejn jgħaddu l-lejl u ma sabux, forsi l-iktar għax ħadd ma kien jafhom jew jaf min huma, aħna stess min jaf kemm per eżempju niltaqgħu ma' nies li ma nkunux nafuhom u oħrajn li nafu li f'xi moment ikollhom bżonn l-għajnuna tagħna u forsi ngħinuhom u forsi le.

Forsi meta ngħinuhom, jirringrazzjawna u forsi le. Hu x'inhu li hu żgur hu li aħna ngħixu f'dinja ma' bnedmin oħra u llum jew għada, ħaddieħor ser jiġi bżonna u aħna ser niġu bżonn ta' ħaddiehor. Il-filosofu Ruman Seneca, elf u disgħa mitt sena ilu kien kiteb: "Fejn hemm bniedem, hemm iċ-ċans biex wieħed jeżerċita l-karita". In-nies ta' kull eta' u kundizzjoni għandhom bżonn l-imħabba u li jkunu maħbuba. Dan hu l-pjan t'Alla għall-umanita. Qatt ma jitbiddel. Ġesù stess kien qal li aħna ser niġu ġġudikati fuq jekk tmajniex lil min kien bil-ġuh, sqejniex lill min kien bil-għatx, żorniex lil min kien marid ecc. U l-messaġġ tal-Milied lill mexxejja tad-dinja hu daqstant qawwi għax jisħaq li dawn għandhom jiċħdu lilhom infushom u jiddedikaw ruħhom għal-ġid tal-oħrajn. Id-dittatorjat, iċ-ċaħda tad-drittijiet umani, is-segregazzjoni tar-razez, il-miżerja tal-mirbuħa u ħafna diżordnijiet oħra ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-ispirtu tal-messaġġ Tiegħu.

Issa kif qegħdin fi żmien tal-Milied, niftakru ftit fil-bnedmin kollha, li nafu u ma nafux " Immorru nżuruhom fl-isptarijiet, imorru nżuru xi xjuħ li qegħdin f' darhom waħidhom(min dawn hawn Malta, hawn numru mhux ħażin), inferrħu t-tfal orfni, nagħtu miż-żejjed tagħna lil min ikun fil-bżonn u nagħmlu minn kollox biex f'dawn il-ġranet kulħadd ikun ferħan. B'hekk u b'hekk biss nistgħu aħna lkoll inħossu l-ferħ li ħassew elfejn sena ilu, Ġużeppi u Marija fil-grotta ta' Betlehem, meta raw lill Ġesù tarbija, ferħ u l-paċi li ġew riflessa fil-kant tal-Anġli fil-lejl tal-Milied, "Glorja lill Alla fis-sema u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba". Mela dan hu l-messaġġ tal-Milied, il-paċi, paċi li tinkiseb biss bl-imħabba tagħna lejn il-proxxmu u bir-rieda tajba tagħna li ngħinu lil ħaddieħor.

# Il-Bambin ta' Praga u Malta

minn Guido Lanfranco

## L-istorja tal-Bambin ta' Praga

Fis-seklu XVI ġiet distrutta l-Belt ta' Praga mill-Vandali. L-Imperatur Ferdinandu II talab lill-Papa għall-għajnuna u dan bagħatlu lil Patri Dumink Tereżjan. Dan il-patri bassar ir-rebħa tal-Imperatur fuq il-Vandali. Bħala rikonoxximent l-Imperatur offra bċejjeċ ta' art lit-Tereżjani biex jibnu kunventi u knejjes fl-Awstrija u fi Praga (issa fir-Repubblika Ċeka) Għal dawn il-kunventi marru Tereżjani Spanjoli, u kienet il-prinċipessa Spanjola Polisena li tathom statwetta tal-Bambin Ġesù mlibbes ilbies rikk, bil-globu tad-dinja f'idu x-xellugija u jbierek bil-leminija. Qaltilhom li jekk jagħtuh unur u qima qatt ma jiġu fil-bżonn. Il-Vandali reġgħu ħarbtu l-knisja u l-kunvent tat-Tereżjani ta' Praga u l-Bambin spiċċa qalb it-tifrik. Meta l-patrijiet marru lura fil-kunvent reġgħu sabu l-istawetta tal-Bambin. Patri Ċirillu, devot, talab lill-Bambin jilluminah u (il-leġġenda tgħid) qal li sema' lil Ġesù jgħidlu li jekk isewwulu jdejh jagħtihom is-sliem, imma żied jgħid: "Aktar ma tqimuni aktar nagħtikom grazzji." Wara li ġiet restawrata l-istatwa kibru d-devozzjonijiet u l-qima u bdew jiġu rappurtati ħafna grazzji. Leġġenda oħra tgħid li l-istatwetta tal-Bambin darba kien proprjetà ta' Santa Tereża ta' Avila u għaddietha lill-patrijiet.

Din l-istatwetta kienet waslet fi Praga minn Spanja fl-1628 u inżammet fil-knisja tal-Madonna tal-Vitorja tat-Tereżjani imma xejn m'hu magħruf sew dwar l-oriġini tagħha. Magħmula tal-injam miksi bix-xemgħa u għolja xi pied u nofs (xi 45ċm.). Kienet ġiet inkurunata fl-1655. Isiru ħafna daqsijiet statwetti tal-Bambin ta' Praga bħala devozzjoni u jinxterdu mad-dinja. F'ċerti pajjiżi kien hemm xi familji kellhom id-drawwa li jpoġġu l-istatwetta tagħhom fuq l-għatba tal-bieb ta' darhom matul il-lejl bit-tama li t-temp jisbaħ bnazzi. Fl-istess knisja tal-Vitorja ta' Praga, fl-1628 kienet twaqqfet fraternità jew unjoni tal-Bambin ta' Praga biex tkabbar id-devozzjoni u ġiet eretta kanonikament bħala Sodalità fl-1913.

Il-Knisja ta' Praga oriġinarjament kienet dedikata lit-Trinità Mqaddsa imma wara l-battalja 'Tal-Muntanja l-Bajda' fl-1620 għaddiet f'idejn it-Tereżjani li ddedikawha lill-Madonna tal-Vitorja u Sant'Antnin ta' Padova. Il-monasterju ngħalaq mill-Imperatur fl-1784 sakem fl-1993 reġgħu ħaduh it-Tereżjani. Fl-1971, it-Tereżjani waqqfu Missjoni fir-Repubblika tal-Afrika Ċentrali, u semmewha Missjoni tal-Bambin ta' Praga.

Il-Karmelitani Tereżjani daħħlu d-devozzjoni lejn il-Bambin ta' Praga f'Malta u għandhom kemm statwetti kif ukoll għaqdiet.

## F'Bormla

It-Tereżjani ta' Bormla għandhom statwa tal-Bambin ta' Praga imma mhux magħruf min għamilha. Bħalma jsir fi Praga il-Bambin għandu diversi lbies b'ilwien li jistgħu jinbidlu skont il-liturġija u fosthom hemm li saru b'ringrazzjament għal xi grazzja maqlugħa. Għall-ħabta ta' nofs is-seklu dsatax twaqqfet fraternità jew unjoni tal-Bambin ta' Praga li kienu daħlu fiha ħafna tfal. Fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin sar pedestall tal-fidda fuq disinn ta' Abram Gatt. Saret wkoll niċċa tal-irħam fuq l-artal ta' San Ġużepp minn Ronnie Pisani.

Mill-1913 sal-1917, l-istess Tereżjani ta'



Bormla kienu bdew jippubblikaw fuljett, (bl-ortografija libera ta' dak iż-żmien), imsemmi "Bambin ta' Praga, maħbub tat-tfal; periodiku għaż-żagħżaħ taħt id-direzjoni ta Patri Piju"

## F'Birkirkara

Hawn kienet twaqqfet sodalità jew unjoni meta l-knisja tat-Tereżjani kienet għadha dik ta' San Alfons. Fit-tieni Ħadd ta' Jannar, fis-santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, jiċċelebraw il-festa tal-Bambin ta' Praga wara nofsinhar. Normalment jibdew bir-Rużarju, jkomplu bil-Kurunella tal-Bambin ta' Praga u issir ċelebrazzjoni Ewkaristika u quddiesa Solenni bil-kant u l-omelija. Fuq wara ta' santi li jinġiebu minn Praga tidher talba miktuba minn patri F. Ċirillu Tereżjan. Ismu sħiħ huwa Patri Ċirillu t'Omm Alla. Dan twieled fl-1590 u miet fl-1675. Kien l-ewwel promutur tad-devozzjoni lejn il-Bambin ta' Praga. Hawn Malta jaslulna diversi santi bix-xbiha ta' dan il-Bambin, mhux biss minn Praga, imma wkoll minn artijiet oħra fejn xterdet din id-devozzjoni. Santa minn Arenzano (Ġenova) fuq wara ġġib talba għall-istudenti biex jgħaddu mill-eżamijiet u suġġerimenti għal tridu. Santa oħra mill-Ingilterra, nħarġet mill-għaqda jew fraternità tal-Bambin ta' Praga ta' Faversham, Kent, u ġġib talba fuq wara.

Fil-Belt Valletta Fil-knisja tal-Vitorja tal-Belt hemm statwetta tal-Bambin replika tal-oriġinal ta' Praga li saret b'inizjattiva tal-konslu tar-Repubblika Ċeka u nagħtat lill-Assoċjazzjoni tal-Kavallieri ta' Malta fl-2006 u tqegħdet fil-knisja tal-Vitorja għad-devozzjoni tal-pubbliku.

Hawn Malta wkoll kemm-il darba saru wegħdiet lil dan il-Bambin u meta tinqala' xi grazzja kienu jqassmu folja bħala ringrazzjament, mitwija fi tnejn biex tagħti erba' faċċati ċkejknin, u turi x-xbiha tal-Bambin ta' Praga fuq il-faċċata taħt l-isem "Il-Bambin Mirakuluż ta' Praga". Jidhru mdaħħlin ukoll il-kliem li, skont il-leġġenda, l-Bambin kien qal lil Patri Ċirillu meta dan ġabru mkisser mit-tifrik tal-Vandali: "Iżjed ma inthom tagħtuni qima iżjed jiena nagħtikom grazzji" Fuq ġewwa hemm talb li jinvolvu tfal iltiema, kurunella u konsagrazzjoni tat-tfal lil Ġesù Bambin. Dawn il-fuljetti kien jistampahom Cordina's Emporium 106-107 Triq Britannika tal-Belt Valletta, ġa fl-1910, b'diversi edizzjonijiet oħra aktar wara.

# Tifkiriet tal-Milied f'ħajti

minn Jessie Chircop

Meta jibda joqrob il-Milied, tgħidx kemm ħsibijiet jgħaddu mill-garigor ta' moħħi. Nibda ngħid bejni u bejn moħħi "Imma veru għaddew dawn il-Milidijiet kollha minn fuqi?" Tiskanta għaddew daqstant (issa jien pensjonanta) u l-ebda Milied mhu bħall-ieħor.

Għand ommi, bħal-tfal kollha ta' dak iż-żmien, kont nistenna b'ħerqa l-miġja tal-Bambin u Papa Noel (kif kien jgħidilna missieri.) Bambin kellna, kien wieħed tax-xama' verġni, roża, roża. Meta kont tħares lejh kont tistħajlu għandu l-ġilda tarija ta' tarbija!!

Fis-snin ħamsin bdejna naraw il-Christmas Tree. Aħna konna familja kbira (ta' disat itfal) u l-flus kienu xi ftit skarsi. Pero' missieri malajr sab soluzzjoni biex ikollna siġra sbejħa tal-Milied bħat-tfal l-oħra. Kien għamel landa tal-kunserva u mlieha bis-siment fin-nofs ħalla toqba u daħħal lasta qadima ta' xkupa. Il-lasta żebagħha kannella bħaz-zokk ta' siġra. Wara ommi żebgħet xkora ħadra u meta nixfet qatgħetha strixxi twal u wesgħin xi 10 ċentimetri (daqs 4 pulzieri) Imbagħad missieri għamel xi ħames ħadidiet kull ringiela. Il-lasta kien ikollha xi tmien saffi ta' ħadid dejjem jiċkienu iktar kemm titla' l fuq. Kien jorbot l-ixkora li kienet żebgħat u qatgħet ommi ma' kull ħadida u jfettaq it-truf biex tidher aktar folta. Skont Frans, ir-raġel tiegħi missieru kienu jagħmlu l-istess pero' kienu jmorru jġibu xi siġar bit-tarf fjura roża, mill-wied tal-Blandina limiti ta' Ħal Far. Kienu jmorri bir-rota u jgħid li kien ikun l-ors tiegħu jerfa' l-ħaxix minn ġot-toqob tal-blat għall-presepju tiegħu. Għat-tiżjin tas-siġra kien ikun differenti minn tallum. Ommi xtrat ftit blalen ikkuluriti u tassew konna ferħanin. Niftakar li din l-imbierka ta' siġra, minbarra l-blalen ikkuluriti kienet tispiċċa b'xi oġġetti oħra ikkuluriti mizjuda.

Għall-ikel, ommi li min jaf kemm il-sagrifiċċju għamlet ma' tul is-sena biex jirnexxilha titmana, għal jum il-Milied donnu kienet tiftaħ l-moħba sigrieta li kienet iġġemma l-ikel ġo fiha minnħabba li f'jum il-Milied l-ikel kien ikun aktar minn tas-soltu. Veru kien kas li Alla jipprovdi. F'dan il-jum speċjali ommi kienet tagħmel brodu tas-serduk, patata l-forn bis-serduk, timpana kbira u biex tgħaqqad l-ikla deżerta. Iva, deżerta li kienet tkun 'trifle' magħmulha fuq ir-riċetta ta' Carmen Carbonaro. L-ikla tal-Milied kienet tieħu sura oħra minn meta konna tfarfarna, għax ngħiduha kif inhi, bdejna nagħtu daqqa t'id f'din l-okkażjoni. Min isajjar u min inaddaf id-dar ċkejkna li konna ngħixu fiha.

Meta bdejt naħdem ta' għalliema, hekk kif jasal nofs Ottubru, lit-tfal tal-klassi, kont insib xi reċta żgħira tal-Milied u b'sabar liema bħalu kont ngħallimhom biex fil-party tal-iskola konna nirreċtawha quddiem il-kumplament tal-iskola. Kont ngħallimhom l-għanjiet tal-Milied. L-ewwewl sena tat-tagħlim tiegħi, niftakar li l-iskola kienet għamlet speċi ta' kompetizzjoni bejn il-klassijiet; min ikanta l-isbaħ għanja tal-Milied. Jien iddeċidejt li nkantaw "Once in Royal David City". Wasal il-jum tal-kompetizzjoni u hekk kif tħabbru ir-riżultat aħna ġejna l-aħħar. Mort staqsejt il-għala, għax skont jiena it-tfal kantaw tajjeb. B'għaġeb kbir qalluli li it tfal kantaw l-għanja fuq it-tune ta' "Away in a Manger". Jien hekk kont għallimthieilhom. Jien bqajt

ixxukkjata. Minn dak il-ħin iddeċċidejt li ma nibdiex naspira fil-kant. Wara l-ħin tal-iskola kont immur nixtri ir-rigali għat-tfal tal-klassi mill-belt. Minn dejjem konna nagħmlu festin żgħir qabel jibdew il-vaganżi tal-Milied. It-tfal joħorġu kollha ferħanin... jien ħafna drabi kont nispiċċa b'uġigħ ta' ras.

U xi ngħidu għall-festin tal-Mużew? Kemm konna nieħdu pjaċir!. Xi ftit kokotina u biċċa kejk ma kienux jonqsu. Imma kulħadd kien ikun jistenna lis-Superjuna (jew Sup.) kif konna ngħidulha. Kienu jtuna xi grotta, xi sett pasturi, xi benniena, jew qoffa b'ċoff roza mal-*handle*, b'Ġesù tax-xama ġo fiha. Mhux l-ewwel darba li l-Bambin waqa' u spiċċa bla ras, pero' ommi jew missieri dejjem irranġawh. Għadni niftakar kemm konna nkantaw għanjiet tal-Milied li llum m'għadniex nisimgħu, bħal "Joseph Dearest, Joseph Mine". Oħra li tant hi għal qalbi hi " Għaliex dan id-dawl Kollu?" Din ili ħafna u ħafna snin ma nismagħha. L-għalliema tat-Tieni klassi, Stage 2 kif konna nsejħula għallmitna poeżija qasira, "Jien tfajjel fqajjar, Ġesù Bambin u anke l-famuża "Benniena ta' Ġesù Bambin". Qatt ma kelli xi vuċi ta' sopran imma dejjem kont ngħoxa nkanta (jew nistona) dawn l-għanjiet.

Meta kont immur l-Azzjoni Kattolika organizzajt 'Carol Singing". Biex ma nonfqux flus biex nixtru l-kotba tal-Milied, kont ittajpjajt il-kotba jien stess . Ħaduli naqra ħin mhux ħażin. X'ors kien fina. Nserpu minn triq għall-oħra tar-Rabat, nieqfu quddiem xi tieqa mżejna b'xi Bambin, ngħorku jdejna minħabba l-kesħa, pero' ferħanin u kuntenti li l-missjoni li nferrħu lil ħaddieħor qed inwettquha. Min kien seta' joħdilna xi ritratt kien jarana bil-kotba f'id waħda, bix-xama' f' id l-oħra u kulħadd iħanxar mill-aħjar li nistgħu. Meta mir-Rabat konna mmorru nkantaw l-Imdina.... Ma kinitx tibqa' s-Silent City bil-ħlewwa ta' vuċi li kientet tidwi mat-toroq ħiemda tal-Imdina.

Meta ltqajt mar-raġel tiegħi l-Milied ħa tifsira oħra. Frans dejjem kien miġnun fuq il-presepju u għalhekk qatt ma niftakar Milied bla presepju u Bambin. Bdejna anke nġemmgħu presepji żgħar, jew mhux daqshekk żgħar, u anke l-presepju tal-foam li kulħadd sar jassoċjah miegħu!! Wara tant snin anke jien kelli xewqa kbira li jkolli Bambin tiegħi. Biss f'moħħi kien għad kelli biss l-istampa tal-Bambin tax-xama li kellna għand Ommi. Wara tant snin infittex, fl-aħħar, xi sentejn ilu rnexxieli nakkwista wieħed. Tassew qiegħed għal qalbi. Xagħru isfar innuklat, fuq blata b'mantell aħmar u nagħġa f'idejh. Tassew qisu Bambin! Issa għamiltu f'bozza ovali biex nikkonservah bl-aħjar mod li nista'.

Sa ftit snin ilu, l-ikla tal-Milied konna nagħmluha għand il-ġenituri ta' Frans. Hemm konna nkunu il-familja kollha bl'aħwa, l-irġiel u n-neputijiet kollha. Konna nkunu qrib it-tletin ruħ. Kienet tkun l-avveniment ewlieni tas-sena. Iżda minn meta fis-sena 2005 ħallietna omm Frans il-Milied ma baqax



l-istess. Mis-sena ta' wara dan l-avveniment ma baqax isir u kulħadd beda jqatta’ l-ikla tal Milied mal-familja tiegħu.

Minkejja dawn il-preparamenti kollha qatt ma naqset il-quddiesa tal-Milied. Din dejjem kientet iċ-ċelebrazzjoni l-aktar importanti fil-festa ta’ Ġesù Bambin. Meta kelli t-tfal trabi, u gawdew il-Milied għall-ewwel darba dejjem għamilna minn kollox biex nuruhom l-importanza ta’ Ġesù Bambin fil-Milied. Dan il-kunċett naħseb irnexxa u kemm Frans u kemm jien daħħalnieh f’moħħ it-tfal. Qed narraw il-frott ukoll għax in-neputijiet jitolbu lin-nannu Frans biex jagħmlilhom xi presepju. Jien ukoll din il-festa ma nibdilha ma xejn. Alla ħares ma nħobbx il-Milied. Kieku kif se jkolli xi għaoxrin bambin, ‘l fuq minn erba’ mill-presepju żgħir u xi għaxra oħra tal-foam!!

Issa kemm ili rtirata sirt nara l-Milied mod ieħor. L-aktar ħaġa importanti hi li nagħti daqqa t’id lil Frans fil-preparamenti tal-presepju. U issa nagħmel l-ikla tal-Milied jien għall-familja tiegħi. In-neputijiet wiċċhom ikun jixgħel bl-istennija biex jaraw in-nanniet x’ħasbu biex ituhom, Id-dar tkun imżejna tant sabiħ! Il-qamħ u l-ġulbiena ta’ madwar il-Bambin jagħtu dehra tal-ġenna. Meta nkun qed naħmi l-kejk tal-Milied id-dar tkun tant tfuħ!

Ħaġa li baqgħet stampata f’moħħi riċenti hija l-mawra tagħna fl-Awstrija meta’ morna mal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta fi żmien il-Milied. Waqt li konna Vienna konna żorna xi żewġ Christmas Markets. Għadni niftakar xena sabiħa ħafna: ħafna dwal, nies, stalls ibiegħu presepji, pasturi. Kien hemm oħrajn ibiegħu jacket potatoes, u mulled wine. Il-mużika wkoll kienet tgħaxxqek. Il-mulled wine kien nbid mgħolli b’xi ħwawwar. Ir-riħa li jagħti hija xi ħaġa tal-għaġeb. Kien hemm ukoll qastan mixwi fuq qisu xi barbikju. Tassew atmosfera tal-għaġeb. Nispiċċa billi nagħti Il-Milied it-tajjeb lil kulħadd!

Grazzi Ġesù li sirt tarbija żgħira għalina lkoll!!

# Għanijiet

## tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju

**huma:**

*• Li l-presepju jkompli jinbena fil-familji Maltin fil-Milied*

*• Li tkabbar aktar sens ta’ ħbiberija fost id-dilettanti tal-presepju*

*• Li tappoġġja x-xogħol tal-artisti u tal-kittieba fejn jidħol artiġġjanar u letteratura konnessi mal-presepju*

*• Li torganizza korsijiet u lectures konnessi mal-bini tal-presepju*

*• Li twaqqaf wirja permanenti tal-presepju*

*• Li toħloq relazzjonijiet kemm fuq bażi nazzjonali u internazzjonali ma’ entitajiet simili. Dawn ir-relazzjonijiet iservu għal bdil ta’ aħbarijiet kif ukoll għal pubblikazzjonijiet dwar xogħlijiet tal-presepju.*

# Mid-Djarju tagħna...

minn Charles Bellia
Segretarju tal-Għaqda

Kif aħna ħbieb? Nittama li intom tajbin u li għandkom kollox lest biex il-presepju jerġa' jsebbaħ il-festi tal-Milied fil-familji u d-djar tagħkom. Min-naħa tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta kollox huwa lest biex għal darb' oħra nilqgħu lill-pubbliku Malti u l-dawk it-turisti li jogħġobhom iżuruna, fil-kripta tal-Franġiskani l-Belt għall-wirja annwali ta' presepji. U fil-fatt dawn il-ftit noti mid-djarju tagħna nixtieq nibdihom eżattament bil-wirja tas-sena l-oħra. Nistaħajjel tgħiduli għaliex...? Mhux bħal tas-soltu?

Dawk li ma kellhomx iċ-ċans jaslu sas-Sala San Franġisk u jżuru l-wirja 2012 għandhom raġun jaħsbu hekk. Għal oħrajn li ngħaqdu mal-mijiet ta' Maltin u barranin li ġew jaraw il-presepji tagħna, il-wirja tas-sena l-oħra kienet differenti minn ta' qabilha. Dan għaliex barra li l-presepji tal-membri tagħna kienu kollha ġodda, magħhom kellna kollezzjoni ta' presepji maħdumin mill-qasab li ġew minn Chieti, l-Italja. Sibna kooperazzjoni sħieħa mis-Sur Giuseppe di Iorio, presepista Taljan li ħadem dawn il-presepji. Huwa kellu kliem ta' tifħir għal mod kif il-presepji tiegħu kienu esebiti, kif ukoll wera apprezzament kbir għax-xogħol maħdum mill-membri tagħna. Din kienet ħolqa oħra ta' suċċess fil-ħidma tagħna barra minn xtutna.

L-għada tal-Milied, f'jum San Stiefnu, grupp imdaqqas ta' membri u ħbieb ġew magħna għal ġita ta' ġurnata f'Għawdex. Matul din il-ġita, li issa saret attivita regolari ta' kull sena, bqajna tielgħin ix-Xagħra fejn żorna mhux inqas minn għoxrin presepju offruti lill-pubbliku mill-Għaqda Milied fix-Xagħra. Dorna dan ir-raħal sabiħ min-naħa sa oħra u konna milqugħin kull fejn dħalna. L-entużjażmu tal-grupp kien kbir, imma lejn nofsinhar kulħadd beda jinqabad mill-ġuħ u għalhekk tlaqna lejn Marsalforn biex nieklu. Il-presepju ħaj ta' Għajnsielem ma kienx armat u għalhekk ma stajniex inżuruħ, imma l-ħin dedikat għalih użajnieh fin-Nadur minn fejn, wara li ammirajna numru ta' presepji oħra, inżilna lejn l-Imġarr u qbadna l-vapur lura lejn Malta. Matul it-triq miċ-Ċirkewwa għal Furjana, kulħadd kien kwiet, u saħansitra kien hemm uħud li ħadu nagħsa qasira. Sinjal li kulħadd kien kuntent u li l-arja tat-Tliet Għoljiet għamlet effett.

L-attivitajiet għas-sena 2012 ġew fi tmiemhom nhar is-Sibt 5 ta' Jannar, 2013. Madwar 80 persuna, bejn membri u familjari, attendew fis-Sala San Franġisk fejn wara quddiesa ta' ringrazzjament kienu servuti ftit ikel u xorb biex kulħadd ibill griżmejh. Wara li l-President u s-Segretarju tal-Għaqda rringrazzjaw lil kulħadd għall-parteċipazzjoni matul is-sena, tqassmu ċertifikati u tifkiriet



li dawk li ħadu sehem fil-wirja ta' presepji. Kienet serata sempliċi, xejn kbir, imma kienet dominata minn atmosfera li tixraq lill-Ħbieb tal-Presepju.

L-20 ta' Frar, 2013, kienet il-ġurnata riservata għall-Laqgħa Ġenerali Annwali. Bħas-sena ta' qabel din saret f'Dar l-Ewropa, Triq San Pawl, Valletta. Għal darb'oħra d-diriġenti tar-Rappreżentanza tal-Unjoni Ewropea f'Malta laqgħuna f'darhom u offrewlna l-mezzi kollha biex stajna nżommu l-Laqgħa Annwali tagħna hemmhekk. Sfortunatament din il-laqgħa kellha tintemm ħesrem u ġiet aġġornata qabel ġiet eżawrita l-aġenda kollha. Kien hemm il-ħsieb li t-tieni parti tal-Laqgħa ssir fi żmien tliet ġimgħat, imma anke hawn, inqalgħu ċirkostanzi li reġgħu tefgħu il-laqgħa għal data aktar il quddiem. Fil-fatt il-Laqgħa Ġenerali Annwali kienet konkluża nhar l-24 ta' April, 2013.

Fil-bidu tax-xahar ta' Marzu, waslitilna l-aħbar li saħħet il-President tal-Għaqda, Is-Sur Mario Buontempo, bdiet sejra lura sakemm nhar il-Ġimgħa l-Kbira l-Mulej sejjaħ lil Mario għal Għandu.

Kien għalhekk li, anke b'sens ta' dover, matul dan iż-żmien, aħna ssospendejna l-attivitajiet tal-Għaqda. Naturalment, kellna mbagħad nimxu mal-Istatut li jitlob avviż ta' tliet ġimgħat qabel issir Laqgħa Ġenerali.

Billi ż-żmien kien daħal sew, bdejna naħsbu għall-kors ta' matul is-sajf. Bħala ntroduzzjoni saru żewġ taħdidiet għal applikanti u membri oħra. Tal-ewwel kienet dwar presepju maħdum mill-kartun u karti - hawn min isejjaħlu tal-kartapesta. Din saret mis-Sur Pawlu Muscat li huwa wkoll pasturar ta' esperjenza kbira. Is-Segretarju tal-Għaqda, Charles Bellia, ħa f'idejh it-tieni taħdita li trattat l-użu tal-polistiren, jew kif nafuh, il-ġablo. Ma setgħux jonqsu t-twissijiet dwar l-użu tan-nar fuq dan il-materjal. Għalkemm faċli biex jinħadem, il-ġablo jarmi foga perikoluża ferm meta jinħaraq.

Din is-sena kellna 'l fuq minn erbgħin applikazzjoni għal dan il-kors. Numru sostanzjali minn dawn kienu nies minn barra l-Għaqda. Dan kien ta' pjaċir għalina għaliex wera li l-pubbliku qiegħed japprezza dak li konna qed nagħmlu favur il-presepju. Intant, bħal ma jiġri dejjem, in-numru naqas xi ftit sakemm 37 persuna komplew il-kors sal-aħħar. Kien grupp tajjeb li minkejja l-kobor tiegħu, kien dixxiplinat u mexa mal-istruzzjonijiet mogħtija mid-diretturi tal-kors u membri veterani tal-Għaqda. Kien ukoll ta' sodisfazzjon in-numru ta' tfal li attendew għall-kors. Dan jawgura tajjeb u juri li t-tradizzjoni tal-Presepju fil-Milied Malti reġgħet qabdet ir-ritmu.

Il-kors ġie fi tmiemu lejn l-aħħar ta' Awwissu. Kulħadd sodisfatt bil-proġett żgħir imma sinjifikanti li rnexxielu jwettaq.



Ottubru jġib miegħu in-Notte Bianca, u għalhekk kien deċiż li l-Għaqda tipparteċipa f'dan l-avveniment annwali. Dan kien ifisser li matul Settembru riedu jsiru l-preparamenti u l-laqgħat għal dawk il-membri li kienu ser jagħtu sehemhom. Kulħadd ħerqan biex juri lill-pubbliku ix-xogħol meħtieġ biex isir presepju. Il-preparazzjoni kienet tinkludi wkoll armar ta' mwejjed żgħar biex fuqhom isir ix-xogħol

marbut mal-presepju kif ukoll xi vetrini fejn kienu esibiti xi presepji u aċċessorji marbutin magħhom.

Nhar is-Sibt, 5 ta' Ottubru, 2013 – Notte Bianca. Kellna nifthu l-bibien tagħna għall-viżitaturi fis-6.30 p.m. imma l-"*ħaddiema*" tagħna ġew fil-5.00 p.m. ħerqana biex jiltaqgħu man-nies li kienu mistennijja jiġu jżuruna. U l-pubbliku ġie, tkellem magħna u apprezza x-xogħol siewi li nagħmlu. Apprezza x-xogħol tat-terracotta, il-mod kif naħdmu l-presepju bil-karti, ġibs u kolla, u kif finalment niżbgħu il-presepji tagħna. Ra l-pasturi jsiru mill-ġibs u jinżebgħu, pasturi oħrajn kienu qed jinqatgħu mill-injam, bl-arkett. Apprezza x-xogħol delikat tal-ganutell u bizzilla. Seta jittawwal u jara kif il-pasturi jsiru jiċċaqilqu. Finalment tbissem meta ra u mess b'idejh il-presepju artab, maħdum mill-"*foam*". Min xtaq jistrieħ ftit mill-folol fil-Belt, seta jpoġġi bil-qiegħda u jara filmati dwar il-ħidma tal-Għaqda u wirjiet oħra. Dan kollu stajna noffruh grazzi għas-sehem li taw numru ta' membri li flimkien mal-Kunsill Amministrattiv tal-Għaqda offrew ħinhom għal dan il-għan.

Bdejna noqorbu lejn Diċembru u allura l-Wirja Annwali. Din tkun tirrikjedi ħafna iktar xogħol mill-attivitajiet l-oħra, għalhekk wara li doqna s-suċċess fin-Notte Bianca, bdejna naħsbu biex narmaw is-sala bil-vetrini u dekorazzjonijiet oħra biex meta, lejn tmiem Novembru jaslu l-presepji, kulħadd isib il-post lest u għal darb'oħra noffru lill-pubbliku Malti u barrani l-ispirtu veru tal-Milied Malti – il-**Milied madwar il-presepju.**







# Kalendarju 2014

## Jannar

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | | 6 | 13 | 20 | 27 |
| T | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| E | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| Ħ | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |
| Ġ | 3 | 10 | 17 | 24 | 31 |
| S | 4 | 11 | 18 | 25 | |
| Ħ | 5 | 12 | 19 | 26 | |

## Frar

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | | 3 | 10 | 17 | 24 |
| T | | 4 | 11 | 18 | 25 |
| E | | 5 | 12 | 19 | 26 |
| Ħ | | 6 | 13 | 20 | 27 |
| Ġ | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| S | 1 | 8 | 15 | 22 | |
| Ħ | 2 | 9 | 16 | 23 | |

## Marzu

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | 31 | 3 | 10 | 17 | 24 |
| T | | 4 | 11 | 18 | 25 |
| E | | 5 | 12 | 19 | 26 |
| Ħ | | 6 | 13 | 20 | 27 |
| Ġ | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| S | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| Ħ | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |

## April

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| T | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| E | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |
| Ħ | 3 | 10 | 17 | 24 | |
| Ġ | 4 | 11 | 18 | 25 | |
| S | 5 | 12 | 19 | 26 | |
| Ħ | 6 | 13 | 20 | 27 | |

## Mejju

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | | 5 | 12 | 19 | 26 |
| T | | 6 | 13 | 20 | 27 |
| E | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| Ħ | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| Ġ | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |
| S | 3 | 10 | 17 | 24 | 31 |
| Ħ | 4 | 11 | 18 | 25 | |

## Ġunju

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | 30 | 2 | 9 | 16 | 23 |
| T | | 3 | 10 | 17 | 24 |
| E | | 4 | 11 | 18 | 25 |
| Ħ | | 5 | 12 | 19 | 26 |
| Ġ | | 6 | 13 | 20 | 27 |
| S | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| Ħ | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |

## Lulju

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| T | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| E | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |
| Ħ | 3 | 10 | 17 | 24 | 31 |
| Ġ | 4 | 11 | 18 | 25 | |
| S | 5 | 12 | 19 | 26 | |
| Ħ | 6 | 13 | 20 | 27 | |

## Awwissu

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | | 4 | 11 | 18 | 25 |
| T | | 5 | 12 | 19 | 26 |
| E | | 6 | 13 | 20 | 27 |
| Ħ | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| Ġ | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| S | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |
| Ħ | 3 | 10 | 17 | 24 | 31 |

## Settembru

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| T | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |
| E | 3 | 10 | 17 | 24 | |
| Ħ | 4 | 11 | 18 | 25 | |
| Ġ | 5 | 12 | 19 | 26 | |
| S | 6 | 13 | 20 | 27 | |
| Ħ | 7 | 14 | 21 | 28 | |

## Ottubru

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | | 6 | 13 | 20 | 27 |
| T | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| E | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| Ħ | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |
| Ġ | 3 | 10 | 17 | 24 | 31 |
| S | 4 | 11 | 18 | 25 | |
| Ħ | 5 | 12 | 19 | 26 | |

## Novembru

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | | 3 | 10 | 17 | 24 |
| T | | 4 | 11 | 18 | 25 |
| E | | 5 | 12 | 19 | 26 |
| Ħ | | 6 | 13 | 20 | 27 |
| Ġ | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| S | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| Ħ | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |

## Diċembru

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| T | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| T | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |
| E | 3 | 10 | 17 | 24 | 31 |
| Ħ | 4 | 11 | 18 | 25 | |
| Ġ | 5 | 12 | 19 | 26 | |
| S | 6 | 13 | 20 | 27 | |
| Ħ | 7 | 14 | 21 | 28 | |



Bl-Isbaħ Xewqat għal Milied Hieni
u Sena Ġdida mimlija Risq

# Praspura li Ġrat lil Verdi Fil-Lejl tal-Milied

minn Pawlu Cachia

Meta Guiseppe Verdi (1813-1901) dak il-kompożitur kbir Taljan li kiteb bosta opri li għadhom imsemmija, ma kienx għad kellu ħdax-il sena, ġie maħtur organista tal-knisja ta' Roncole, raħal ċkejken f'Bussetto, fejn twieled Verdi stess.

Dan it-tfajjel mill-ewwel deher li kien se jkun xi ħaġa kbira, l-aktar fil-qasam tal-mużika. Ommu u missieru kienu mkabbrin bih għall-aħħar u n-nies tar-raħal tiegħu kienu qed jitkellmu bi ftaħir dwaru. Imma Giuseppe ma kienx jagħti każ ta' dan kollu u kien jibqa' jaħdem u jistudja mill-aħjar li jista' fid-dar fqajra tiegħu.

Meta nħatar biex idoqq l-orgni tal-knisja, hu qatt ma tilef jum wieħed u għalhekk fil-funzjonijiet tal-Milied ma riedx li jonqos, għalkemm kienet kesħa xxoqq il-għadam, ix-xita kienet il-ħin kollu traxxax u riħ kien jinstema' jsaffar. Xejn minn dan kollu ma fixklu milli jmur biex idoqq l-orgni.

Dik is-sena, Giuseppe ħejja ruħu wkoll u ħaseb biex jitlaq bil-mod il-mod lejn il-knisja.

"F'dan il-ħin sejjer?" qaltlu ommu. "Barra hemm ħafna ċpar u ma tarax timxi. Aktar jabel li tmur għada."

"Jeħtieġ li nkun il-knisja għall-quddiesa



ta' nofs il-lejl," wieġeb it-tifel bla tlaqliq. "It-triq nafha b'għajnejja magħluqa, ma nibżax u bil-mixi nasal sewwa.'

U għalhekk sħiħ f'fehmtu, telaq għal għonq it-triq.

Barra kien hemm dlam ċappa, lanqas tara ruħ u bid-dlam lanqas wieħed seta' jara fejn hu miexi. L-arja kienet kiesħa u tidħol fil-għadam.

Ġiuseppe baqa' sejjer, bil-ħsieb li jliħaq fil-ħin. Barra minn hekk, hu ħaseb li mat-triq kien se jiltaqa' ma' xi ħadd biex iwensu għall-bqija tat-triq. Kemm raha twila t-triq f'dak il-baħħ sewdieni! It-tfajjel qagħad b'seba' għajnejn li ma jmurx jaħbat ma' xi siġra jew jitgerbeb f'xi ġebla. Bil-pass il-pass beda joqrob lejn bini li ħaseb li kienu l-ewwel djar tal-pajjiż ta' Roncole u bil-kemm ma kienx ħa nifs ta' serħan. Iżda ra li kien qabad triq ħażina, minflok baqa' sejjer dritt kif missu għamel. Hu kien qabad it-triq ta' tarf l-irdum u f'waqt minnhom rifes fuq art ratba u saqajh ma sabux saħħa u baqa' nieżel f'ħofra.

Il-ħofra ma kenitx fonda ħafna u l-ilma kien fiha ftit; iżda għalkemm Giuseppe tħabat ħafna ma setax jitla' minn hemm. Hu ma seta' jagħmel xejn. X'se jagħmel?

"Ġesù Bambin, igħini, jaħsra, ħalli nitla' minn hawn", kien qed jitlob it-tfajjel meta ma sabx irkaptu. It-tifel aktar tilef is-sabar meta fil-bogħod sema' l-qanpiena ddoqq biex issejjaħ il-fidili ħalli jmorru l-knisja għall-funzjoni. Għalhekk tħabat iżjed biex joħroġ minn fejn kien weħel biex jilħaq fil-ħin meta toħroġ il-quddiesa. Iżda xorta baqa' ma għamel xejn. It-tfajjel waqa' f'dieqa meta ħaseb li ma kienx se jilħaq fil-ħin għall-quddiesa. Iżda hu ma qatax qalbu u kompla jitlob lil Ġesù Bambin ħalli jilħaq fil-waqt.



Ma damx wisq qalbu sewda, għax ftit wara sema' lil xi ħadd riesaq lejn in-naħa li kien hu u għalhekk beda jitlob l-għajnuna.

Il-Bambin ried li lejn dawk l-inħawi tgħaddi bidwija li kienet fi triqtha lejn il-knisja ta' Roncole. Meta semgħet l-għajjat hi dlonk marret tagħti d-daqqa t'id tagħha u bi ftit tat-tbatija, Giuseppe seħħlu jitla' mill-ħofra li kien waqa fija.

Bla telf ta' żmien. It-tfajjel u dik il-bidwija għaġġlu lejn il-knisja u daħlu fil-waqt li kienet ħierġa l-quddiesa. Għahekk Giuseppe b'ħeffa kbira mar fuq l-orgni u beda jdoqq mużika sabiħa tal-Milied.

Min kien fil-knisja u sema' l-mużika li kienet ħierġa mill-orgni żgur li waqagħlux f'moħħu mill-liema praspura kien għadda l-organista f'dak il-lejl!

*Din il-kitba hija meħuda mill-ktieb "Il-ferħ tal-Milied" ta' Pawlu Cachia li miet fl-24ta' Jannar 1974.*

# Il-Ħamiem fl-istorja tan-Nativita

*Artiklu ta' Dorothy D.Resig, editur maniġerjiali ta' Rivista Biblika tal-Arkejoloġija*

**maqlub bil-Malti minn Frans Chircop**

Il-ħamiema kienet meqjusa bħala sinjal jew simbolu qabel mas-salib beda jiġi magħruf bħala xi ħaġa ta' importanz kbira fil-kristjaneżmu fir-raba seklu.



Dan ir-ritratt juri 'kaxxa' fejn jitpoġġew l-ostji għall-quddiesa. Fi żmien il-Biżantini u fil-medjuevu konna nsibu wkoll forma ta' msiebaħ.

Ftit insibu simboli li għandhom tradizzjoni daqshekk twila daqs il-ħamiema. Din hija tassew popolari fl-arti u fl-ikonografija, ħafna drabi tirrapreżenta aspetti divini u mistiċi. Dawn ġew adattati matul iż-żminijiet u anke matul it-tibdil ta' kultura. Minn żmien il-qedem sas-żminijiet moderni dan l-għasfur hekk żgħir u ħelu sar aktar sinifikanti u dan sar għandu tifsira aktar soda u qawwija fir-reliġjozita u l-interpretazzjoni ta' rappreżentazzjoni vizwali.

Fil-Lvant Nofsani u l-mediterran sal-qedem, il-ħamiema kienet tissombolizza lill-alla mara. Konna nsibu kappelli żgħar u fuq il-bibien tagħhom, li kienu jkunu żgħar, konna nsibu dan l-għasfur predominanti.



F'Ċipru nsibu faċċata sħiħa ta' tempju ddedikat lil din l-alla mara, miksi b'ħafna barumbari tal-ħamiem. Il-ħamiem kienu jrrappreżentaw il-fertilita tal-mara u wkoll tal-alla Kananita Asherah u t' Astarte, kif ukoll l-Puniċi, il-Feniċi u Tanit.

Fl-ewwel seklu Q.K. kien hemm muniti ta' Ashkelon li fuqhom kellhom ħamiema, li din kienet tirrapreżenta kemm lil alla Tyche-Astarte kif ukoll liz-zekka tal-belt. Kemm f'Ruma, kif ukoll madwar l-imperu Ruman, kont tista' tara statwi ta' allat bħal Venere u Fortunata b'ħamiema tistrieħ jew fuq idejhom jew fuq rashom.



Fil-Bibbja Lhudija, kif ukoll fis-sejbiet arkeoloġiċi, insibu li l-Iżraeliti kienu jemmnu li alla Asherah kienet il-maħbuba ta' Yahwe. Għalhekk mhux ħaġa tal-għaġeb li fir-reliġjon Izraelita insibu li l-ħamiema (femminili) li tirrapreżenta l-ispirtu ta' Alla. (N.b. fil-Lhudi il-kelma spirtu hi fil-femminil). Il-lingwa tal-Babilonja ixxebbaħ li Spirtu t'Alla jimraħ jew iħuf mat-titjir ta' ħamiema (Ġenesi 1:2) Li Alla jħuf jew jimrah insibuha wkoll fl-iskrolli tal-baħar il-mejjet kif ukoll fit-testment il-Ġdid.

Insibu storja oħra dwar dulluvju fl-Epoka ta' Gilgamesh tal-Babilonja. F'din ukoll insibu li l-eroj tal-istorja (Utnapishtin) jibgħat ħamiema li ma reġgħetx lura għax ma setgħetx issib fejn tistrieħ. In fatti minn xi kitbiet antiki tal-Lvant qrib insibu li l-baħrin kienu jibagħtu ħamiema biex tgħinhom isibu l-art. B'hekk naraw kif Noe' uża dan it-tagħrif tal-baħrin antiki. Imma din mhux l-unika referenza għal-ħamiema fil-Bibja Lhudija.

L-aktar li hi magħrufa hija dik tad-Dulluvju (Genesi: 6-9). Fil-Genesi 8: 8-12) insibu li wara li l-arka waslet fil-muntanji ta' Azarat, Noe' jibgħat ħamiema tlett darbiet biex jara jekk l-ilma kienx nixef. L-ewwel darba l-ħamiema ma sabet xejn u reġgħet lura. Id-darba ta' wara, l-ħamiema waslet b'fergħa taż-żebbuġ f'ħalqha. Hawn Noe' fehem li l-ilmijiet kienu naqsu u li Alla kien ħafer il-poplu tiegħu. It-tielet darba l-ħamiema ma reġgħetx lura u b'hekk fehem li seta' jitlaq mill-arka.




Insibu wkoll xi stampi tal-ħamiem f'diversi kotba Lhud profetiċi tal-Bibbja Lhudija. Il-ħamiema l-ħoss tagħha qisu ta' wieħed igerger. Fil-fatt it-tgergir bil-mod il-mod kienu jxebħuh mat-tnehid tal-Lhud li tant kienu qed ibatu (Isaia 38: 14-59:11) Eżekiel 7:16 u xi oħrajn. Imma l-ħamiem ma kienux ifissru tgemgim u garr biss. Alla ried jużhom bħala strument ta' ndiema. Fil-Levitcus insibu li kultant kienu joffru sagrifiċċju ta' żewġ ħamimiet (jew żewġt ibċieċen). Dawn kienu jiġu offruti wara li wieħed ikun dineb kif ukoll meta mara twelled tarbija. Ħafna barumbari ġew misjuba fil-belt ta' David u madwar Ġerusalem. Dawn it-torrijiet kienu jservu biex irabbu ħamiem għas-sagrifiċċju, kif ukoll biex jipprovdu l-laħam, kif ukoll il-ħmieġ tagħhom kien iservi bħala fertiliżżant għall-għelieqi tagħhom.

Għadna nistgħu naraw xi speċi ta' xi skavazzjonijiet. Xi ftit minn dawn il-barumbari (Columbaria) għadhom ippriservati tajjeb ħafna. Il-ftit "toqob" li naraw fl-istampa huma fdal tal-barumbara ta' Lużit. Il-ħamiema hija s-simbolu ta' ndiema. Dawn il-ħamiem ġew imqabblin ma' Iżakk u I\rael mit-Talmudi u Taragumi (dawn huma razez antiki). Hekk insibu li l-ħamiema li għandha l-ħila li toħroġ għonqha mqabbla ma' Iżakk li "ħareġ għonqu biex jiġi offrut bħala sagrifiċċju 'l Alla". Wara



Iżrael beda juri ndiema u tpattija għad-dnubiet tal-bnedmin. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-ħamiema, sa ma ġie Ġesù fid-dinja, kienet diġa magħrufa u mdawra b'ħafna simboli. Ftit min dawn kienu ta' fertilita', indima u sagrifiċċju. Sinjal mingħand Alla kif ukoll l-ispirtu ta' Alla. Dawn it-tixbiħat kollha ġew magħqudin fit-twemmin Nisrani.

Insibu l-ħamiema hija assoċjata mat-twelid ta' Ġesù. It-Tħabbira tat-twelid ta' Ġesù lil Marija hija attwata mal-Ispirtu Santu forma ta' ħamiema. L-istess meta twieled fl-għar ta' Betlem l-Ispirtu Santu deher b'forma ta' ħamiema. Fil-vanġelu ta' San Luqa insibu li Ġużeppi u Marija offrew 2 ħamimiet fit-tempji kif kienet titlob il-liġi (Luqa 2:24). Il-ħamiema dehret ukoll fil-magħmudija tiegħu, kif ukoll sa ftit qabel mewtu. Imma nsibu ukoll li Ġesù keċċa lin-negozjanti u qalbilhom l-imwejjed (Ġwanni 2:16).

L-aktar xbieha fit-Testment il-Ġdid li nsibuha irrakontata fl-erba' evan[eli (għalkemm forsi b'xi ftit differenza) hi fil-Magħmudija ta' Ġesù fix-xmara Ġordan minn Ġwanni l-Battista. Wara li Ġesù ħareġ mill-ilma niżel fuqu l-ispirtu t'Alla f'forma ta' ħamiema (Matt 13:16; Mark 1: 10; Luqa 3:22 Ġwanni 1: 32). L-istorja tal-magħmudija kienet mibnija fuq xbieha ta' ħamiema li tirrappreżenta l-Ispirtu ta' Alla. Din kienet l-aktar tixbieha li kienet l-aktar tingħoġob minn-nies ta' dak iż-żmien, kif ukoll fl-arti taż-żmien nofsani li kienet wieħed mis-simboli tat-Trinita.

Fir-rinaxximent il-ħamiema kienet ħaġa intrinsika fir-rappreżentazzjoni tal-Annunzjata, jiġifieri l-Ispirtu S-Santu li flimkien mal-Verġni Marija kienu se jagħtu bidu għall-misterji tal-Inkarnazzjoni.



(Il-"kelma" tidħol f'Marija bħala raġġ ta' dawl qawwi ħiereġ minn ħamiema (li tfisser l-Ispirtu s-Santu) fil-pittura ta' Fra Filippu Lippi tal-Annunzazzjoni li tisab fin-National Gallery Londra.)

Il-ħamiem kienu jiġi murija qed jittajru minn ħalq il-profeti bħala sinjal tal-awtorita u setgħa divina. Anke l-artisti modern Andy Warhol għamel użu mill-ħamiema (l-Ispirtu s-Santu) fil-pittura tiegħu tal-Aħħar Ċena. F'din il-pittura moderna Andy Warhol idaħħal sens ta' reliġjożita. Naraw ħamiema tpoġġi fuq ras Ġesù, li f'dan il-ka\ tfisser L-Ispirtu s-Santu bis-slogan "Inġibu affarijiet tajbin fid-dawl.

Hemm ħaġa oħra li tassoċja l-ħamiema mal-bidu tal-ħajja ta' Ġesù. Skont il-Proto-evanġelu ta' Ġakbu insibu li l-qassisin kienu qed ifittxu raġel għal Marija. Ħamiema poġġiet fuq l-għasluġ ta' Ġużeppi u b'hekk indunaw li hu kien il-magħżul ta' Alla. Anke fil-ħrejjef, madwar id-dinja nsibu li l-ħamiema kienu magħrufa biex "jagħżlu: dak li veru kien jistħoqqlu li jkun il-magħzul bħala re, jew anke il-magħżul ta' Alla.

Qabel ir-raba seklu, meta s-Salib kien għadu mhux daqshekk magħruf, kien hemm Klement minn Lixandra, li fit-tieni seklu ħeġġeġ lill-insara li jużaw is-simbolu ta' ħamiema jew ħuta biex jingħarfu bejniethom bħala dixxipli ta' Kristu.

Arkeoloġisti sabu ħafna oġġetti marbutin mal-Ewkaristija bħal kalċi u msiebaħ f'forma ta' ħamiema. Dawn sabuhom madwar l-Art Imqaddsa. Minn żmien il-qedem il-ħamiema dejjem kienet tirrappreżenta xi ħaġa divina. Dan għenhom biex ikunu jistgħu jifhmu xi ftit mill-ħafna aspetti ta' Alla li ma kienux jistgħu jissimbolizzaw fl-allat foloz u l-idoli. Dan għadu u jibqa' simbolu li juri l-id ta' Alla u l-preżenza tiegħu, kif ukoll sinjal ta mħabba lejna.

http://www.biblicalarchaeology.org/daily/ancient-cultures/daily-life-and-practice/the-enduring-symbolism-of-doves/

# Jum il-Milied

minn Joe Camilleri

Jum il-Milied hu jum ta' seħer l-aktar għat-tfal. Il-ħajja Maltija rajt tibdila waħda sewwa. Fl-imgħoddi t-tfal kienu aktar miġbur madwar il-ħajja tar-raħal jew belt fejn kienu jgħixu milli huma marbuta llum.

## L-awguri

Meta wieħed kien jara xi ħadd li kien jaf, kienu jmorru fuqu biex jawguraw l-isbaħ xewqat għall-jum hekk għażiż. Il-kliem kien wieħed sempliċi – " Il-Milied it-Tajjeb" u t-tweġiba kienet tkun waħda wkoll sempliċi – Lilek ukoll, jew Tant ieħor. Xi wħud kienu jiġbru l-awguri flimkien, jiġifieri tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena billi jgħidu lil xulxin " Il-Kumplament tal-festi t-tajba" jew sempliċi " Il-kumplament".

## Fil-knisja

L-ewwel ħaġa li kienu jagħmlu f'jum il-Milied kien li jmorru l-knisja biex jisimgħu l-quddies. Kull qassis kellu jqaddes tliet quddisiet. Din id-drawwa waslet Malta matul is-seklu 7. In-nies kellhom ukoll jisimgħu tliet quddisiet. Għalhekk kien hemm tliet quddisiet kien ikun hemm biss tqarbin f' waħda biss minn dawn il-quddies. Wieħed setgħa jitqarben anke jekk kien għamel hekk fil-quddiesa ta' nofs il-lejl.

## Fil-għodu

Fil-għodu t-tfal kienu jerġgħu lura l-qasam tal-Mużew. Il-qasam kien ikun imżejjen għal din l-okkażżjoni. It-tfal kienu jkunu jafu sewwa li kien hemm 'party' lest għalihom. Hemmhekk kienu jingħataw xi kokotina jew kawkaw. Ma' dawn kien ikun hemm xi biċċa kejk li kien jagħmlu xi membru tal-mużew. F'kamra kbira kien ikun hemm il-grotti tal-kartapesta u anke xi Bambin tax-xema'. Kull tifel kien jaf sewwa li kien imissu xi grotta jew presepju. San Ġorġ Preca, il-fundatur tal-Mużew, ried li kull familja jkollha xi Bambin jew presepju għall-festa tal-Milied. Barra dawn ġieli kien ikun hemm xi ktieb mimli daqs bajda bl-istampi. Meta kienu jlestu kienu joħorġu mill-qasam b'ċertu ferħ fuq wiċċhom. It-tfal kienu jifirħu bihom dawn ir-rigali.

Billi kien il-Milied, it-tfal kienu jkunu imlibbsin b'ilbies pulit ħafna. Kien ikollhom iż-żarbun li kienu xtrawlhom għall-jum il-festa tar-raħal. Iż-żarben ġeneralment kienu jinxtraw minn xi ħanut fir-raħal stess jew f'ċentru kummerċjali bħal ngħidu aħna – Bormla, l-Belt Valletta, ir-Rabat jew Birkirkara. Mhux kull raħal kellhom xi ħanut taż-żraben. Kien hemm drawwa fost il-familji li t-tfal kienu jilbsu xi libsa ta' ħuhom il-kbir.

## L-ikla tal-Milied

Il-qalba tal-jum kienet tkun l-ikla ta' nofs in-nhar. Id-dundjan kien ma daħalx fid-djar Maltin. L-omm kellha għażla xi jsajjar. Hawn min kien iħobb xi ħasi, serduq jew tiġiega. Hawn min kien jixtieq xi gidi. Dawn kellha kienu jispiċċaw il-forn flimkien mal-patata, basal u tewm. Il-ħaxix ftit li xejn kien jidher għaliex dan l-ikel ta' kuljum. Jekk il-familja kienet tħobb aktar l-għaġin l-omm kienet tipprepara xi dixx għaġin. Dan kien kollu bajd frisk, ġobon tan-nagħaġ maħkuk u l-laħam li aktarx kien ikun xi ċanga jew majjal. Dan il-laħam kien ikun imqatta' biċċiet żgħar żgħar.

Ma' l-ikel kien ikun hemm l-inbid. Dan

kien ikun ta' l-iprem kwalità.

## Wara nofs in-nhar

F'xi parroċċi kien ikun hemm il-purċissjoni fil-knisja parrokkjali. Din kienet issir jekk fil-knisja parrokkjali kien hemm xi relikwija tal-Milied. Waħda mill-knejjes li kienet torganizza din it-tip ta' purċissjoni kienet il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Din ir-relikwija kienet tinġarr minn altar u kienet iddur il-knisja. Wara kienet tispiċċa fuq altar ieħor. Din il-purċissjoni kienet magħrufa bħal tat-tibna. Aktarx din il-purċissjoni kienet tiġI organizzata mill-fratellanza tar-Rużarju.

## Fil-għaxija

Fil-għaxija kien żmien għaż-żjarat tal-familja. Jekk il-familja kienet toqgħod fl-istess raħal dawn ma kienux jsiru għaliex in-nanniet kienu jaraw in-neputini kuljum. Jekk il-familja tal-missier kienet barra mir-raħal jew dik ta' l-omm kienet minn post ieħor, il-familja kienet tinġabar biex tara lin-nanniet u iż-żijiet. Magħhom kienu jieħdu xi qagħaq tal-għasel. Dawn kienu jsiru d-dar u kienu magħrufa bħala xi riġal kbir u sabiħ. Waqt iż-żjara kien jitqasam xi inbid jew xi ftit xorb irqiq.

Jekk il-familja ma kelliex xi membri li kienu joqogħdu barra mir-raħal kienu jsibu xi presepju biex jieħdu lill-familja kollha biex tarah. Kull raħal kien ikollu wieħed li jispikka fuq l-oħrajn. Ġieli kienu jimxu kilometri fuq kilometri biex jara presepju uniku. Jekk jista' jkun dan kien wieħed li jkollu l-pasturi jiċċaqalqu. Iż-Żejtun kellu u sa ċertu punt għandu wieħed magħruf sewwa. Dan kien għamlu ħu l-isqof Galea u kien għamlu fil-kunvent ta' l-istitut ta' Ġesù Nazzarenu, ftit passi 'l bogħod miċ-ċimiterju ta' San Girgor. Ħal Qormi kellu presepju ieħor ta' din ix-xorta waqt li f'Tas-Sliema kien ikun hemm diversi presepji ta' dan it-tip.

Bil-mod il-mod il-jum jispiċċa. Jum il-Milied iħalli memorji sbieħ meta t-tfal qattgħu jum sħiħ flimkien fi ħdan il-familja. Ir-rigali kienu jitqassmu jew fl-Ewwel tas-Sena jum l-Istrina jew fis-6 ta' Jannar jum it-Tre Re.

Referenzi:-

Joseph A Farrugia, Il-Milied fi tfuliti, Ħarġa speċjali tal-Milied, Kunsill Lokali Tarxien , bla data

Dr Joseph F Grima, Christmastide at Qormi over 70 years ago, The Sunday Times, 18-XII-2005

Joseph Said, "Il-Milied ta' Dari – x'niftakar", Luminaria Nru 63 Diċ 2000



# It-Tifel tal-Familja Cassar

minn Joseph Bonnici

Il-familja Cassar kellhom tifel wieħed jismu Alfred u dan kellu diġa sentejn minn meta din il-koppja, Paul u Kate bdiet taħseb biex tkabbar u jġibu t-tieni wild f'did-dinja, iżda għalkemm xtaqu dan ma seħħx. Kienu marru l-ewwel għand it-tabib tal-familja kif ukoll wara għand il-Professur biex jaraw x'hemm u għaliex ma jistax ikun hemm aktar tfal.

Il-Professur induna li Kate ma setgħetx titqal għax kien hemm impediment fil-ġewwieni tagħha li x'aktarx kien effett tal-ħlas ta' l-ewwel tarbija, dan mingħajr Kate qatt ma rrealizzat, għax qatt ma ħasset xejn. Sadanittant f'dal-perjodu kien hemm żewġt tqaliet li ma tkomplewx. Wara ħafna kura u żjarat għand il-Professur issa Kate kienet f'qagħda li tnissel tarbija. Iżda kien kollu għalxejn għaliex għalkemm Kate u Paul kienu ħerqana u talbu ħafna fuq hekk, xorta waħda t-tqala ma seħħitx.

Fl-aħħar qatgħuha li ma jagħtux każ aktar li kważi għoddom tilfu kull interess li jkabbru familja.

Sadanittant laħqu għaddew seba' snin u għalkemm ġara li ġara xorta baqgħu jikbru fl-imħabba ta' bejniethom fejn ukoll ma naqasx lit-tifel Alfred isir aktar il-mimmi t'għajnejhom.

F'dak iż-żmien, Paul, bħala impjegat maniġerjali f'fabbrika, kien ukoll għaddej minn problemi kbar fuq ix-xogħol tiegħu daqstant li kienu tefgħuh f'tensjoni u dipressjoni u kien jieħu l-mediċina kontinwament biex forsi seta' jkompli l-ġurnata fejn kien, sa ġie mġiegħel jinżel grad mill-pożizzjoni li kien jokkupa. Paul tkompla tgħaffeġ għaliex il-kontroll tas-sitwazzjoni li kien fiha fuq ix-xogħol ma kienetx tiegħu għaliex beda jeħel hu ta' kullma jiġri ħażin, minn kullimkien. Minħabba f'hekk kien wasal biex talab kemm il-darba lid-Direttur tal-fabbrika biex jibgħatu 'l barra mix-xogħol ħalli jispiċċa. Id-Direttur kien iwieġbu li ma kienx hemm fuq xiex għaliex la qatt falla xogħol, kien bniedem obbidjenti, ħabrieki u onest, għalhekk ma setgħax isib skuża biex jibgħatu. Minħabba f'hekk Paul ħaseb biex joħroġ b'certikat ta' tabib u b'hekk ikun jista' jitlaq ħalli wara jkun jista' jirkupra, għalkemm dan kien kontra l-parir tal-Psikjatra.

Iżda li jkun minn Alla ħadd ma jħassru għaliex f'daż-żmien u żgur li ma kienx f'waqtu, Kate ħarġet tqila. Kien f'Marzu meta qalet b'dan lil Paul. B'din l-aħbar Paul ħadha ħafna bi kbira għaliex fil-qagħda li kien taħt l-effett tal-mediċini, ma ħassx li kien kapaċi jkampa billi jilqa' għat taħbit tat-tieni tarbija, daqstant li ġieħ f'moħħu li b'xi mod Kate tara kif tagħmel u teħles mit-tqala. Kate, ħaġa bħal din ma riditx tagħmilha wara daqstant stennija ta' qabel. Ħija kellmet bil-ħlewwa lil Paul u qaltlu biex ma jħabbilx moħħu billi kienet sa taħseb hi għal piż kollu li ġej. Wara ħafna assikurazzjoni kif ukoll inkoraġġiment minn martu, Paul aċċetta t-tqala tagħha.

Ma kienx tort tiegħu li kien qiegħed jagħmel hekk għaliex il-mediċina kienet ħakmitu sewwa. Daqstant, li bħalma għedt qabel kien qiegħed jaħsibha li jitlaq mix-xogħol u dan x'aktarx kien sa jkun ta' aktar detriment minħabba li huma riedu jkomplu jkollhom l-għejxien. Kien jaf li dak li għandu kien ġej mill-ambjent u n-natura tax-xogħol

tiegħu, iżda minħabba li kellu paga tajba, ntela' b'tensjoni għax qagħad itella' u jniżżel x'sa jagħmel, għaliex hu waħdu kien jaqla' l-ħobża ta' kuljum. Iżda wara li martu kompliet tieqaf miegħu u t-tnejn fdaw fil-Mulej qatgħuha lit-tqala tkompli għaddejja. Imbagħad b'raġunar ta' din id-dinja, forsi wkoll sfurzat, Paul qal fejn jieklu tlieta, jieklu wkoll erbgħa.

Iż-żmien baqa' għaddej tat-tqala ta' Kate u dehret trankwilla għaliex ukoll kellha tqala mingħajr problemi mhux bħalma kellha fl-ewwel tarbija tagħha, Alfred, meta għal xi żmien kellha tagħmel xi mistrieħ fis-sodda.

Imbagħad twieldet it-tarbija qawwija u sħiħa għaż-żmien tal-Milied u semmewha Manwel. Tant ġabet ferħ, li għax-xhur li ġew wara, sew Paul u Kate insew l-problemi li kienu għaddejjin minnhom qabel.

Paul u Kate qatt ma jistgħu jinsew iż-żmien ikrah, bla tama, u kif intrefgħu mill-qiegħ mal-wasla tat-tieni tarbija tagħhom, speċjalment meta twieldet għaż-żmien tal-Milied. Dar-rigal ma kienx mistenni wara daqstant inċertezzi minn kullimkien. F'dal-perjodu Paul ukoll ġietu x-xorti li jibdel xogħlu u dak li kien jinkwetah spiċċa u għadda u bil-mod il-mod beda jistejqer u jnaqqas l-medicina sakemm ħareġ għal kollox mit-tensjoni kif ukoll dipressjoni li kienu ħakmuh.

Għalhekk minn din-l-istorja qasira wieħed jitgħallem li ma għandux għalfejn jaqta' qalbu mill-ħniena t'Alla għaliex hu biss jaf kif jaħdem fil-ħajja tal-bniedem u għalkemm il-bniedem jipproponi iżda fl-aħħar Hu li jiddisponi.

# Il-Ħlejqa Tal-Mulej

**minn Joseph Bonnici**

Bagħtek tifel ġewwa dinja,
hawnhekk tibda ħajtek fqira;
fl-eta' żgħira ommok twelldek,
bilkemm ħadmet f'xejret dmirha.

Tnissilt b'ommok xbejba hienja,
b'għarus tagħha raġel sewwa;
lilhom ferraħt ġewwa darhom,
meta tkellimt bl-akbar ħlewwa.

Ħlejqa pura twasslet għandna,
ħalli twettaq ħidma tagħha,
meta ċkejkna, sewwa kbira,
b'tagħlim minnha; nimxu magħha.

B'missier f'sema jieħu ħsiebek,
sabiex tagħmel rieda tiegħu;
lilek mela' bl-aqwa saħħa,
twitti rebħa b'fidwa, miegħu.

Għinek f'ħajtek meta tifel,
b'ħarsien tajjeb; bl-għeżeż koppja;
tellgħuk f'darhom foqra twennes,
għaliex rawmuk b'kura doppja.

Għadda lilek 'l-hena f'qalbek,
b'glorja għalik, tintradd l-għajrek;
tferrex lilha madwar kollu,
imbagħad wara, f'sema, tajrek.

Bniedem għamlek ħanin ħafna,
tfittex popli l-insew dnubhom,
ħalli lilhom miegħek tiġbed,
b'serħan qawwi ġewwa qlubhom.

Fehmiet f'ġieħek tlissnu minni,
ħalli għandna jiġi miġmugħ,
imqar b'qajla jidħlu f'moħħna,
imbagħad dwarek jigi mismugħ.

3-04-2013

## Tagħrif Ġenerali

# Museum Internazzjonali tan-Nativitá

F'ambjent imqanqal u fil -qalba ta' Betlem , f'distanza mhux il-bogħod mill- Knisja tan-Nativitá, jinsab il- Mużew Internazzjonali tan-Nativita ta' Betlem. Hemm wieħed isib waħda mill –kollezzjonijiet l-aktar sinjuri u ta' valur rigward il-presepji fil- Art Imqaddsa . Fil-Mużew għandek issib kollezzjoni ta' 'l fuq minn 200 rappreżentazzjonijiet tan-Nativitá fuq stili u qisien differenti. Dan jinsab fil -pjan terran tal- kunvent tas-Sależjani li huwa wieħed mill-aktar storiku ta' Betlem . Il-varjetá tal- presepji esposti , li joriġinaw minn madwar id- dinja , toħloq atmosfera nostalġika u li tqanqlek bis-sbuħija tagħha. Hawn issib presepji minn kull kontinent u gruppi etniċi .

Il-wirja tal-presepji tirrifletti l- istorja reliġjuża u artistika tal-Italja. L-istorja tibda bil-presepju ta' San Franġisk li skond it-tradizzjoni nxterdet mal-partijiet differenti tad-dinja. Issib mill-ewwel il-presepju mnaqqax fil-ġebel ta' Arnolfo di Cambio li kien jinsab fil- Bażilika ta' Santa Marija Maġġiore f'Ruma . Bl-għajnuna tas- sekulari Sqallin u Naplitani u l-wirjiet ta' l-iskulturi Venezjani kontemporanji , l- Mużew ħa spinta qawwija għall-aħjar u ġie rikonoxxut fuq livell mondjali. F'dan il-mużew wieħed jinnota il-konnetazzjoni li għandu mar-riċerka dwar il-presepju. Hawn jispikkaw ir- riproduzzjonijiet żgħar, rikostruzzjonijiet xenotografiki tal-pajsaġġi u rappreżentazzjonijiet oriġinali spettakolari . Rappreżentazzjonijiet espressivi tal-avveniment tat-Twelid tal-Bambin juru il-profondita tar-ruħ tal- artisti kontemporanji u permess ta' din il-ħeġġa ġew offruti lill-pubbliku fil-forma ta' skulturi fil -bronż kif ukoll hemm kreazzjonijiet fiċ- ċeramika li meta wieħed iħares lejhom huma xi ftit eċċentriċi.

L-ebda filoloġija (studju tal-kliem) jew l-ambjent ġeografiku ma huwa miksur fir-rappreżentazzjoni ta' Twelid : it-twelid ta' Kristu hija rrealizzata kull darba fil-ħin preżenti u f'kull post . Dan huwa għaliex il-kontenut tal-Mużew huwa Internazzjonali , jekk mhux Universali . Dan huwa għaliex t-tarbija Ġesù għandha għajnejn kulur il-lewż u peduni stil Tajlandisa kif ukoll miżmuma sħuna minn Lamas . Il-presepji fl- injam minquxin minn pajjiżi Afrikani, m'għandha l-ebda għan għall-istagħġib pero' jgħatu laqta universali fil-forom u tfassil tagħhom. Il- poeżija ta' Andine kif ukoll il-presepji mill-boskijiet Amerikana ,





s-seħer tal-biċċiet Asjatiċi , ix- xeni tal-presepji Ewropej dawn jimlew l-ispazju tal-post. Hemm ukoll rappreżentazzjoni ta' tradizzjonijiet rigoruża biex b'hekk ikun hemm aktar biċċiet oriġinali.



## L-istorja tal-Mużew

Il-Mużew tan-Nativitá tas-Salesjani f'Betlem huwa internazzjonali u ġie apprezzat u magħruf mill- UNESCO , u kien sponsorjat mill-Awtorità Nazzjonali Palestinjana u l-gvern Taljan . Kien imfassal mis -Sur Alfredo Troisi fl-1999 , grazzi għall-appoġġ ġeneruż ta' *sponsors* minn Veneto . Ġie inawgurat uffiċjalment Lejliet il-Milied fl-1999 , fl-istess ħin tal- proklamazzjoni tal-Jubilee Millennju f'Ruma . L-awtoritajiet politiċi u reliġjużi maġġuri tal-Palestina u l-Italja attendew iċ-ċerimonja , flimkien mad-Direttur Ġenerali tal-UNESCO . Il-Mużew qajjem interess kbir, imma sfortunatament ġie maħnuq mill -avvenimenti tal-2000. Il-ftuħ sar mill-ġdid fl-2010 . Issa l- Mużew huwa miftuħ kuljum u jiġu jżuruh pellegrini minn madwar id-dinja.

## Attivitajiet kulturali

It-ttnehdija mill-ġdid tal-Mużew ħolqot sensiela ta' relazzjonijiet kulturali internazzjonali importanti , fosthom dawk ta' Greccio , Assisi u tal-Kunsill belti ta' Ruma , Lazio u Umbria. Ma dawn ir-reġjuni Taljani hemm individwi oħrajn kif ukoll atturi li ġejjin minn pajjiżi kristjani bħal Spanja u l-Polonja.






Dawn ir-relazzjonijiet qed ikunu msarrfa fl-avvenimenti kulturali , konvenzjonijiet, wirjiet internazzjonali , studji u riċerki li jduru madwar it-tradizzjoni sekulari tal-Presepju. Biex wieħed jasal għall- Mużew irid imur ġo " Street Star". Dan tagħmlu bl-istess mod tradizzjonali kif kien kopert mit-tliet Għorrief, is-Slaten Maġi, biex sabu t-tarbija Ġesù fil-Grotta tan- Nativitá . Din twassal għall-Pjazza Maxtura , fejn issib il- Knisja tan-Nativitá .

Il-Mużew Internazzjonali tan-Nativitá jilqa' pellegrini minn kull parti tad-dinja. Ikun hemm skeda flessibbli ( filgħodu , wara nofsinhar u filgħaxija ) . Iż-żjara tal-Mużew hija ggwidata mill- kollaboraturi jew mill-Sależjani stess. Dawn iwasslu t-tagħrif dwar il-Mużew b'ħafna lingwi differenti . Maġenb il-mużew tan-Nativitá hemm iċ-Ċentru Artistiku Salesjan . Hemm inti tista' tammira xi żgħażagħ ta' Betlem li qed jitgħallmu l- manifattura tradizzjonali tal-injam taż-żebbuġ , madre perla u ċeramika.

Konvenzjoni:
Atallah Qassis - International Museum Nativitá
316 , Triq Star , Betlem
E -mail : nativitymuseum@salesianbethlehem.com

# Kurunella lil Ġesù Bambin

L-Isqof Mons. Nikol Cauchi

B'qalb imħeġġa, b'qalb nadifa
Nersqu nweġġgħu lill-Bambin
Fit-twelid imqaddes tiegħu
F'dawn il-ġranet tant ħelwin.
Ma' Ġużeppi u ma' Marija
Minn Ġesù niġu mberkin
Glorja.

Verb Divin li sa minn dejjem
Mill-Missier imnissel ġejt
Nistqarruk li int dak Alla
Li b'kull ġid id-dinja mlejt.
Int imliena deh b'imħabbtek
Li tant għana lilna mlejt.
Glorjia

Int imwiegħed ġejt mis-Sema
Wisq minn kmieni mill-bnedmin
Ferħ int kont tal-Patrijarki
Sa mill-ġranet ewlenin.
Lilna kenni u kompli fina
Il-wegħdiet tiegħek ħelwin.
Glorja.

Wieħed, wieħed il-Profeti
B'ħerqa kbira ġew ħabbruk
Imqanqlin huma mis-Sema
Qatt ma hedew lilna jgħarrfuk.
Sabiex dan ikun ġid tagħna
Bil-qalb kollha nweġġħuk.
Glorja

Ix-xewqat tat-tajbin kollha
Qanqlu fis l-aħbarijiet,
Il-qlub kollha lejk ittajru
Stennewk tinżel mis-smewwiet.
Inżel deh int fil-qlub tagħna
Tagħhom lejk erfa' l-ġibdiet.
Glorja

Meta kellek tinżel fostna
U hekk uliedek int issib
Anġlu ħabbar lil Marija
Sabiex lilek fi ħdanha ġġib.
Deh fi qlub int ukoll idħol
Dejjem lejna inti għix qrib
Glorja

Għal dil-kelma ta' Marija
Ġie komplut misteru kbir
Int sirt bniedem u bqajt Alla
Wieħed minna ridt issir.
Deh għall-ġid tal-Fidwa tagħna
Fittex qalbna lejk ittir.
Glorja

Sa mill-ġuf t'Ommok Marija
Opri kbar inti komplejt
Il-ġid kbir li ġibt mis-Sema
Lill-bnedmin fittixt urejt.
Urih lilna u bih ħennina
Kif lid-dinja int bih thennejt.
Glorja.

F'nofs ta' lejl u f'għar imsejken
Ġewwa Betlem int twelidt
Ferħet l-art, feraħ is-Sema
Għaliex kollox fik ġeddidt.
Aħna wkoll nifirħu u nilqgħu
Dik il-barka li int xerridt.
Glorja

Ġieħ Ġużeppi u ġieħ Marija
Ir-ragħajja u l-Anġli taw
Sa mill-bogħod għall-kewkba tiddi
Ġew il-Maġi jaduraw.
Bit-twelid tiegħek nifirħu
Biex Lilek ħanin naraw.
Glorja.

# X'kull waħda.....

Xjenzati Norveġiżi huma tal-fehma li l-imnieħer aħmar ta' Rudolph huwa probabbilment ir-riżultat ta' l-infezzjoni fis-sistema tan-nifs tiegħu

Il-Ġermaniżi għamul l-ewwel siġra tal-Milied artifiċjali mir-rix tal-wiżż. Dawn kienu ġew miżbugħin ħodor.

Kull sena jintbagħtu madwar 3 biljuni ta' kartolini tal-Milied fl-Amerika.

L-"imħabba vera" imsemmija fil-kanzunetta "tal-tnax-il jum tal-Milied" ma tirreferix għal ftit romantiċita, imma għal Alla.

Fl- A.D. 350, Julius Papa I, Isqof ta' Ruma, pproklama l-25 ta' Diċembru 25bħala data tat-twelid ta' Ġesù.

Skond il-Guinness Book of Records l-ikbar siġra tal-Milied li qatt nqatgħet kienet 221 piedi għolja mis-siġra jisimha Douglas Fir. Din kienet esibita fl-1950 fl-ċentru tax-xiri ta' Northgate f' Seattle, Washington.

Tliet kuluri tradizzjonali tal-Milied huma aħdar, aħmar, u deheb. Aħdar sa minn żmien ilu kien simbolu tal-ħajja u twelid; aħmar jissimbolizza d-demm ta' Kristu, u d-deheb jirrappreżenta dawl kif ukoll il-ġid u rejjiet.

Hija xi ħaġa normali li koppja tiġġieled ġimagħtejn qabel il-Milied. Dan huwa żmien Popolari ħafna biex koppja twaqqaf ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Kuntrarju għat-twemmin Popolari, ir-rati ta' suwiċidju matul il-festa tal-Milied huma baxxi. L-ogħla rati huma matul ir-rebbiegħa.

L-akbar kalzetta tal-Milied li qatt inħadmet fid-dinja kienet immkejla 106 piedi u 9 pulzier (32.56 m) fit-tul u 49 pied u 1 pulzier (14.97 m) wiesgħa. Il-piż tagħha kien daqs ta' ħamest iċriev u tesa' kważi 1,000 rigal. Kienet ġiet magħmula mis-soċjetà tat-tfal f'Londra fl' 14 ta' Diċembru , 2007.

Is-Siġar tal-Milied bdew jiġu mibjugħa fl-Amerika sa mill-1850.

Siġar tal-Milied normalment jikbru għal madwar 15-il sena qabel ma jkunu mibjugħa.

Ħafna pajjiżi Ewropej jemmnu li l-ispirti, kemm tajba u ħżiena, jkunu attivi matul it-tnax-il jum tal-Milied. Dawn l-ispirti eventwalment ħadu l-laqam ta' afrit speċjalment mill-kitba ta' Moore C. Clement - Il-lejl ta' qabel il-Milied (1779-1863)

Kull sena jkun hemm madwar 20,000 "Santas li jinkrew" ġo l-Istati Uniti. "Santas li jinkrew" jgħaddu minn taħriġ staġjonali dwar kif għandhom iżommu l-atteġjament ferrieħi speċjalment taħt pressjoni mill-pubbliku. Huma jirċievu wkoll pariri prattiċi, bħal eżempju ma jaċċettawx flus mill-ġenituri waqt li t-tfal ikunu jfittxu r-rigali. Ħaġa oħra li jiġu mwissija hija biex jevitaw it-tewm, basal, jew fażola għall-ikel. Tifhimha!!

Bolivijani jiċċelebraw il Misa del Gallo jew "Il-Quddiesa tas-Serduk"fl-lejlet il-Milied. Xi nies iġibu sriedak għall-quddiesa ta' nofs il-lejl, ġest li jissimbolizza t-twemmin li-serduk kien l-ewwel annimal li ħabbar it-twelid ta' Ġesù.

L-Ingliżi jilbsu l-kpiepel tal-karti f'rashom waqt l-ikla ta' filgħaxija tal-Milied. Dawn il-kpiepel ikunu f'tubi tal-kartun nafuhom l-aktar bħala Christmas Crakers.

Fil-Polonja, il-brimb jew l-għanqbud tal-brimb huma komuni fid-dekorazzjonijiet tas-siġar tal-Milied. Skond il-leġġenda, brimba nisġet kutra biex jissaħan it-tarbija Ġesù. Fil-fatt, il-poplu Pollakk jikkunsidraw il-brimb bħala simboli ta' ġid u prosperità fil-Milied.

Alabama kien l-ewwel Stat fl-Istati Uniti li għaraf uffiċjalment il-Milied fl-1836.

Oklahoma kien l-aħħar Stat li ddikjarat il-Milied bħala festa fl-1907.

Fl-Istati Uniti, il-festa tal-Milied, ġiet iddikjarata bħala festa uffiċjali sa mis- 26 ta' Ġunju, 1870.

Popli, bħad-Druids, jikkunsidraw il-

mistletoe bħala Sagra għaliex din tibqa' tħaddar u jkollha l-frott matul ix-xitwa meta l-pjanti l-oħra kollha jidhru bħala mejta. Id-Druids kien jaqtgħu l-pjanta b' imnieġel tad-deheb u ma jħalluhiex tmiss ma' l-art. Hu maħsub li din kellha l-qawwa kuranti għal-infertilità u mard neurofligi.

Il-Puritani fl-Amerika pprojbixxew iċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Milied mill-1659-1681. Il-piena ta' ħames xelini għal kull-offiza kienet tingħata lil kull min jikser din il-liġi.

Il-ponsjetta hija pjanta nattiva tal-Messiku u kienet ikkultivata mill-Aztecs, u kienu jsejħulha Cuetlaxochitl. Għall-Aztecs, il-kulur aħmar jisimbolizza purità, u huma spiss użati bħala mediċina biex inaqqsu d-deni. Kuntrarju għat-twemmin Popolari, l-ponsjetta mhix velenuża, imma holly berries huma.

Santa Claus huwa bbażat fuq il-persuna reali, St. Nikolas ta' Myra (magħrufa wkoll bħala Nikolaos-Wonderworker, l-Isqof San Nikola ta' Smyrna), u Nikolaos ta' Bari, li għex matul ir-raba' seklu. Imwieled Patara (fit-Turkija moderna tal-jum). Huwa l-qaddis Patrun tal- bankiera, pirati, bejjiegħa tal-laħam, ħallelin, u l-orfni,

Illustrazzjonijiet bikrija ta' St. Nicholas juruh bħala kmandant, u li qed iżomm il-virga tal-betula. Kien l-aktar simbolu ta' dixxiplina.

Fl-Ingilterra, mill-1649-1660, il-Puritan, Oliver Cromwell, ipprojbixxa ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied kif ukoll l-għanjiet



tal-Milied. Kien permess biss il-priedki u t-talb.

Jingħad li hemm żewġ xniegħat min ġab is-siġra tal-Milied fil- White House. Xi ħudd jgħidu li- President Franklin Pierce kien li daħħalha, fl-1856; oħrajn jgħidu li l- President Benjamin Harrison ġab l-ewwel siġra fl-1889. President Coolidge beda ċ-ċerimonja tad-dawl tal-White House fl-1923.

President Teddy Roosevelt, ipprojbixxa s-siġar tal-Milied mill-White House, fl-1912.

Huwa stmat li d-diska "White Christmas" minn Irving Berlin hija l-aktar diska li nbigħat madwar id-dinja kollha.... 100 miljun diska.

Hemm madwar 21,000 postijiet fejn ikabbru siġra tal-Milied fl-Istati Uniti. Fl-2008, kważi 45 miljun siġra tal-Milied kienu mħawla, biex jiżdiedu mas-siġar eżistenti ta' 400 miljun

L-ewwel siġra tal-Milied li ġiet mixgħulha hija attribwita lil Martin Luther (1483-1546). Skond il-leġġenda, hu kien miexi u kien imsaħħar mis-sbuħija tal-stilel jixgħelu bejn il-fergħat tas-siġar. Ħa siġra d-dar u ddeċieda li jixgħelha bix-xema'.

L-ewwel referenza stampata għas-siġra tal-Milied kienet fl-1531 fl-Germanja.

Madwar 30-35 miljun siġra tal-Milied ħajjin huma mibjugħa kull sena fl-Amerika.

Il-kelma Christmas li ġejha mill-kelma Christ-mass. Dehret għall-ewwel darba fl-1038). L-ittra "X" bil-Grieg hija l-ewwel ittra ta' Kristu, u "Xmas" ġiet użata bħala taqsira tal-Milied sa mill-1500s.

Fl-1962, ħarġet l-ewwel bolla bit-tema tal-Milied kienet maħruġa fl-Amerika

Dekorazzjoni tas-siġra tal-Milied kienet l-aktar t-tuffieħ.

### Mill-Arkivji tal-fuljetti tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta: Artiklu mill-Perjodiku Nru 9 ta' Diċembru 1989

# L-Għanja tal-Milied

Bla dubju ta' xejn, il-festa tal-Milied hija festa li tnissel f'qalb il-bniedem sentimenti ta' ferħ, ħlewwa u hena. U peress li ħafna drabi, f'mumenti ta' ferħ u hena l-bniedem jinfexx f'kant u għana, allura mhux ta' b'xejn li bniedem fl-okkazjoni ta' din il-festa tal-Milied ħoloq diversi għanjiet li permezz tagħhom huwa jesprimi l-ferħ ta' qalbu u matul din il-festa sabiħa.

Fi kliem ieħor, il-ferħ tal-Milied iqanqal lill-bniedem biex ilissen l-isbaħ għanjiet. Dawn l-għanjiet jew aħjar carols – kif komunement huma magħrufa m'humiex għajr kanzunetti jew innijiet sempliċi u melodjuzi li jnisslu f'min ikantahom u f'min jismagħhom sentimenti u ħsibijiet ta' ferħ, ħlewwa u qdusija.

Għalkemm bil-kelma 'Carols' nifhmu ġeneralment għanjiet li jitkantaw unikament fil-Milied, madankollu fl-antik kienu jitkantaw 'Carols ukoll f'okkażjonijiet ta' festi oħra annwali, kemm reliġjużi kif ukoll profani. Hekk kienu jitkantaw "carols' fil-festi tal-Għid, f'May Day, fl-Ewwel tas-Sena, f'Corpus Christi u festi oħra..

Oriġinarjament, il-'Carols' ma kenux għanjiet reliġjuzi imma għanjiet soċjali li kienu jitkantaw waqt żifna li żeffiena kienu jiżfnu f'għamla ta' ċirku filwaqt li jixorbu minn buqar speċjali li kienu jgħaddu minn id għal oħra, filwaqt li jixtiequ xewqat mill-isbaħ lil xulxin.

Aktar tard din l-għamla ta' żifna u kant għaddiet mir-ritwal pagan għal dak Kristjan. Iżda naraw li fis-sena 1209 il-Konċilju ta' Avignon kien ikkundanna kull għamla ta' żfin fil-knejjes.

Sadattant baqgħu dejjem aktar jinkitbu 'Carols' b'tema reliġjuza li kif għidna kienu jitkantaw f'diversi festi reliġjużi-mhux biss dawk tal-Milied. Uħud minn dawn il-'Carols' reliġjużi kienu jagħmlu sehem minn kompożizzjonijiet teatrali magħrufa bħala "Mystery Plays" li kienu jittellgħu fuq palk fl-okkazjoni tal-festa ta' Corpus Christi.

Maż-żmien dawn il-'Carols' bdew jinkitbu aktar fuq tema reliġjuża għal żmien il-Milied. Uħud mill-'Carols li nkantaw il-lum kienu miktuba madwar 400 sena ilu. Oħrajn huma tant antiki li lanqas hu magħruf l-awtur tagħhom jew iż-żmien li fih instemgħu l-ewwel darba. Għal żmien twil, uħud mill-'Carols' ma kienu jgħaddu minn fomm għall-ieħor, minn ġenerazzjoni għal oħra, sakemm fl-aħħar wara żmien twil ġew ippubblikati.

Għal żmien twil il-'Carols' kienu popolari ferm fl-Ingilterra u fil-Kontinent. Iżda għal xi żmien il-'Carols' fl-Ingilterra kienu jinkitbu b'tema'politika, umoristika u satirika.

L-użu tal-Carols' għal għanijiet reliġjużi-b'mod speċjali għal żmien il-Milied stabbilixxa ruħu sew fl-Ingilterra fis-seklu 15, u ta' dan kellhom sehem kbir il-Patrijiet Franġiskani Ingliżi. 'Carol' magħrufa ferm ta' dan il-perjodu hi Puer Natus in Bethlem ta' Leipzig b'akkumpanjament ta' monaku Trappista mhux magħruf.

Fis-sena 1521, De Worde ppubblika f'għamla ta' ktieb ġabra ta' 'Carols'. Din il-pubblikazzjoni kienet mill-eqdem pubblikazzjonijiet ġewwa r-Renju Unit. Fil-preżent għadha teżisti paġna waħda minn dan il-ktieb u tinsab ġewwa Oxford.

Fis-seklu 17 u fl-ewwel nofs tas-seklu 18, il-'Carols' kienu bdew jitqiesu b'xi mod bħala għamla inferjuri ta' poeżija. Għaldaqstant ħafna poeti ta' dak iż-żmien ftit li xejn wrew interess li jiktbu 'Carols'. L-interess fil-kant tal-'Carols' inżamm ħaj f'dan iż-żmien

prinċipalment mit-tradizzjonijiet orali ta' nies illitterati li kienu jafu dawn il-'Carols' bl-amment. Madankollu, anki f'dan iż-żmien insibu li nkitbu xi 'Carols', fosthom 'While Shepherds Watched their Flocks' ta' N.Tate (1702) u 'Joy to the World ta' Isaac Watts (1709).

Iżda l-qagħda inbidlet sew madwar it-tieni nofs tas-seklu 18. F'dan iż-żmien beda jsir bħal tiġdid fil-kant u l-kitba tal 'Carols'. F'dan iż-żmien, il-'Carols' bdew jitkantaw fil-knejjes madwar il-presepju, jew fid-djar kbar, kif ukoll fit-toroq għad-dawl tal-fanali, - kif fil-fatt għadu jsir sal-ġurnata tallum f'ħafna pajjiżi.

L-isbaħ 'Carol' tal-Milied f'dan il-perjodu nafuhom lill-poeti u mużiċisti Ingliżi tal-Knisja Metodista. Fosthom nistgħu nsemmu lil Charles Wesley li fost għanjiet oħra kiteb fis-sena 1739 'Hark the Herald Angels Sing', fuq melodija ta' Mendelssohn. Din il-melodija tintuża biex fuqha nkantaw –Wasal il-Milied- ta' Dun Frans Camilleri.

Għall-ħabta tas0seklu 19, l-interess fil-'Carols' żdied b'mod konsiderevoli fl-Ingilterra, fl-Amerika u postijiet oħra. F'dan iż-żmien bdew jinkitbu ħafna 'Carols' ġodda: uħud bi kliem ġdid addattat fuq melodija antika u xi wħud b'melodija ġdida. Proprju f'dan iż-żmien Joseph Mohr fis-sena 1818 kiteb il-'Carol' tant popolari 'Silent Night' (Stille Nacht) b'melodija ta' Frans Gruber.

F'dan il-perjodu ukoll, Frederick Oakeley fis-sena 1841, għamel it-traduzzjoni għall-Ingliż ta' 'Adeste Fideles' (melodija ta' J.F. Wade 1751) .. 'O Come, All Ye Faithful. Fost 'Carols' oħra li nkitbu f'dan iż-żmien ta' min isemmi 'O Little Town of Bethlehem' ta' P. Brooks (1868) u 'It Came Upon the Midnight Clear' ta' Sears (1846).

Dan l-interess fil-kitba tal-'Carols' aktar baqa' jiżdied fil-kontinent għall-ħabta ta' nofs is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu għoxrin. Nistgħu ngħidu li kien proprju f'dan iż-żmien li f'Malta beda jinħass sew l-interess għall-kitba ta' 'Carols' jew Għanjiet tal-Milied. Ġa f'dan iż-żmien insibu innijiet tal-Milied kif ukoll innijiet oħra tal-Brevjarju Ruman maqlub għall-Malti. Hekk insemmu l-innijiet Imqaddsa miġjubin għall-Malti mis-Saċ. Lod. Mifsud Tommasi u ppublikati f'Malta fis-sena 1853.

Għanja antika tal-Milied hi dik li għandha biss żewġ strofi u aktarx hi silta ta' għanja aktar qadima u twila. Illum dawn iż-żewġ strofi ftit li xejn għadhom jinstemgħu u jitkantaw waqt il-Milied, iżda qabel kienu jinstemgħu ħafna f'dan iż-żmien sabiħ.

Iż-żewġ strofi huma dawn:

Kemm ksirt qalbek
O Marija!
F'lejlet il-Milied,
Twieled Ġesù Bin Alla,
Fuq erba' tibniet.

L-anġli tilgħin u niżlin
San Ġużepp fil-għar fqajjar
Jadura 'l Ġesù Bambin.

Madankollu, l-aqwa għanja tal-Milied li tista' tgħid saret tagħmel sehem mill-folklor Malti hi " Il-Benniena ta' Ġesù Bambin" jew kif l-aktar li nafuha mill-ewwel vers tagħha "Ninni, la tibkix iżjed" miktuba mill-Ġiżwita P.Indri Schembri fis-sena 1864 għall-emigranti Maltin fl-Afrika ta' Fuq. Dun Ġorġ Preca kien uża din l-għanja sabiħa għall-ewwel puċissjoni li hu għamel bil-Bambin fis-sena 1921.

Minn dak iż-żmien 'l hawn kienu ħafna poeti Maltin li bil-versi ħelwin tagħhom għarfu jinsġu għanjiet mill-isbaħ tal-Milied, li għalina llum saru proprju parti mportanti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied. X'inhu l-Milied mingħajr il-kant sabiħ tal-għanjiet ħelwin tiegħu?!

Fost dawn il-poeti ta' min isemmi lil Dun Frans Camilleri, Albert M. Cassola, Dun G. Camilleri, Dun A. Copperstone, Ġużè Mallia, B.Tonna Barthet u Dun K. Farrugia.

# Tal-Pasturi - Snajja tal-Imgħoddi

**Guido Lanfranco**

It-tradizzjoni tal-pasturi għall-presepju li narmaw fi żmien il-Milied, għall-ħabta ta' wara t-Tieni Gwerra Dinija, kienet naqset xi ftit, għax konna bdejna stil ta' ħajja differenti minn dik ta' qabel. Iżda dawn l-aħħar snin, l-aktar bit-twaqqif u bix-xogħol tal-għaqdiet "Ħbieb tal-Presepju", waħda Għawdex u l-oħra f'Malta, l-interess fil-presepju reġa' kiber.

Il-pasturi kienu jsiru wkoll fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, iżda dawn kienu jsiru mill-artisti skulturi, bil-materjal ta' żmienhom u bil-kartapesta.

Għalhekk kienu jsiru bl-ordnijiet, jiswew il-flus, u jmorru għand is-sinjuri biss. Napli dejjem kien hemm tradizzjoni qawwija ta' pasturi tat-terrakotta, jiġifieri tafal moħmi fil-forn, iżda kien hemm ukoll min jagħmel pasturi tat-tafal mingħajr ma jaħmihom.

Minn Napli u minn partijiet oħrajn tal-Italja u Spanja, kienu jiġu diversi pasturi artistiċi, iżda għall-ewwel dejjem kienu jsibu ruħhom għand is-sinjuri. Il-massa tal-poplu, imdorri jgħix f'ċertu faqar, ma kienx jista' jkollu pasturi lussużi, għalhekk beda juża sistema rħisa, u li xorta waħda tagħti pjaċir u sodisfazzjon. Beda jagħmel il-pasturi tat-tafal mill-forma, biex b'hekk minn forma waħda jkunu jistgħu jsiru ħafna pasturi l-istess, u joħorġu b'orħos.

Xi ħadd li kien ikollu idejh tajbin għall-mudellar jew statwetti ċkejknin tat-tafal, kien jagħmel sett pasturi, u fuqhom jieħu l-forma tal-ġibs.

Fuq naħa waħda tal-pastur tat-tafal li jkun għamel, dak tal-pasturi kien jixħet ġibs verġni li jagħqad, u b'hekk jieħu l-forma ta' naħa u jieħu l-forma tan-naħa l-oħra. Meta jaqla' l-pasturi oriġinali minn ġol-forma, jkun hemm il-vojt li minnu jista' jagħmel pasturi oħrajn bit-tafal.

Fl-aħħarnett kien jagħfas ftit tafal artab ġo naħa waħda tal-forma, u ftit ieħor ġol-biċċa l-oħra, jagħfashom flimkien, u b'hekk jifforma pastur bħal ta' qablu. Dawn iħallihom jinxfu sewwa, imbagħad jiżbogħhom bit-trab kulurit li kienu jużaw mal-ġir tat-tibjid imħallat bi ftit kolla. Mhux dejjem kienu jkunu b'wiċċhom sabiħ, iżda kienu jkunu rħas, jista' jixtrihom kulħadd, u l-presepju kien jista' jsir kullimkien.



Minbarra pasturi għall-presepju kienu jagħmlu wkoll statwetti oħrajn għal-logħob bil-knisja żgħira, li tant kien, u reġa sar, popolari fost tfal u kbar.

## Tal-Fuħħar

Il-pasturi tat-tafal kienu jsiru malajr minħabba li ma kinux jaħmuhom fil-forn biex isiru terrakotta, jew fuħħar, għax billi kienu ċkejknin kienu jżommu tajbin għal-ħafna snin. Iżda meta tkun trid tagħmel ġarar, platti, qsari, bombli u skutelli biex magħhom imiss l-ilma u jridu jifilħu għal ħafna ċaqlieq, it-tafal li jsiru minnu irid jinħema tajjeb.

Meta kienu jiġbru t-tafal minn ċerti nħawi tal-gżejjer tagħna, kienu jxarrbuh, ineħħulu l-ġebla u l-frak, jagħġnuh billi jgħaffġuh b'xi biċċa njama jew ħadida, u jaħdmuh meta jkun artab.

L-affarijiet tat-tafal, li meta jinħmew ngħidulhom tal-fuħħar, huma ġeneralment kollha fit-tond, għalhekk biex jagħmilhom dak tal-fuħħar kien ipoġġi biċċa tafal fuq rota ċatta wiċċha 'l fuq qisha platt, imwaħħla fuq fus, u minflok joqgħod idawwar it-tafal b'idejh, iħaddem rota oħra taħt il-bank tax-xogħol billi jagħti daqqiet b'saqajh waqt li jkun bil-qiegħda. Din iddawwar ukoll ir-rota tal-wiċċ li fuqha jkun hemm it-tafal, u waqt li jsir dan it-tidwir il-ħaddiem jagħfas b'idejh imxarrbin u jagħti l-forma fuq barra u fuq ġewwa tal-blokka tat-tafal, sakemm tieħu l-għamla li jkun irid.

B'dan il-mod kienu jsiru għadd kbir ta' borom, twaġen, jew tiganijiet, kzazel, qolol, skutelli, platti, u kull ma jkun hemm bżonn. Kollox tal-fuħħar kien isir, sakemm fl-aħħar snin tas-seklu 19 bdew ġejjin minn barra dawk magħmulin tal-ħġieġ u tal-enamel, Il-qsari tista' tgħid li dejjem tondi, u għadhom isiru tal-fuħħar, ukoll jekk tal-plastik huma orħos. Dan minħabba li l-fuħħar hu poruż (mimli toqob mikroskopiċi) u għalhekk iżomm aktar għall-frisk u jagħmel tajjeb lill-għeruq. Ġieli kienu jagħmlu qsari kwadri, imma dawn ma jinħadmux fuq ir-rota, iżda jdħlu fil-forma bħalma kienu jsiru l-pasturi. Kien ikollhom xi disinji mqabbżin 'il barra, kienu jiswew aktar, u għalhekk ma kinux daqstant komuni.

Biex jaħmihom, tal-fuħħar, kien jaħmel forn tal-ġebel f'xi bitħa jew biċċa għalqa jew ġnien. Meta l-qsari, ġarar, u x'naf jien, kienu jkunu lesti kien iħallihom jinxfu sewwa qabel ma jistivahom fil-forn. Il-forn kien jingħalaq sewwa sakemm kollox jinħema tajjeb



# Il-Presepju Ħaj ta' Ħal Lija

**Joseph C. Camilleri**

Is-siġra tal-Milied kienet rabbiet għeruq kbar fis-snin sittinijiet f'Malta. Il-knisja ma kinitx kuntenta li l-Presepju, xi ħaġa reliġjuża, kien qed jispiċċa minn wiċċ Malta. Il-membri tal-mużew daħħlu d-drawwa ta' grotta lit-tfal li kienu jmorru għal-lezzjonijiet tagħhom. Dun Anton Ebejer daħal fil-biċċa biex isalva lill-Presepju. Dan kien fis-sena 1963. Hu, flimkien mal-ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika, ħolqu Presepju li saħħar lil Malta kollha l-**Presepju Ħaj**. Il-post kien f'Ħal Lija.

Is-sitwazzjoni soċjali f'Malta dwar drawwiet Maltin ta' żmien il-Milied ma tantx kienet feliċi. Il-Presepju kien ser jinqered. Dun Anton Ebejer irnexxilu joħloq xi ħaġa ġdida- Presepju Ħaj. Ġew ħafna nies, ġew ħafna kbarat biex jaraw dan il-Presepju. Kien hemm bżonn li jirrepeti ruħu, iżda fuq skala ikbar. Kien hemm il-problema ta' post. Fejn kienu ser isibu post ikbar u adattat f'Ħal-lija? Għajn Dun Anton waqgħet fuq ġnien li kien hemm quddiem il-knisja parrokjali li kien ser jingħata għall-bini. Ġabu l-permessi, nadfu l-ġnien mill-imbarazz, u għalqu l-post bi pjanċi taż-żingu mingħand Ċikku ta' Bormla li joqgħod il-Mosta.

## L-għajnuna

Salvu tat-Toss silifhom żewġ għoġiela. Kellhom żiemel ta' Taliana għaċ-Ċenturjun, il-ħmara ta' Grezz għall-grotta, iż-żiemel tal-Pussy fl-għalqa u l-ħmara tal-Ħij għall-ħrit. Dun Saverio Bianco tahom ħafna injam u l-membri tal-kumitat tal-festa u dak tan-nar ħadmu għaliex kienet is-sena taċ-ċentinarju tal-wasla tal-istatwa tas-Salvatur. Taw daqqa t'id ukoll Dun Salv Sammut u Dun Ġużepp Tanti minn Ħal Lija.

Il-Presepju reġa' kien suċċess, l-eluf żdiedu, l-għajnuna żdiedet iżda t-temp għamel tiegħu, u sfrattalhom ħafna nies minħabba x-xita u l-kesħa li għamlet. Fost in-nies prominenti li marru kien hemm il-mexxej tad-djoċesi Maltija Mons. Arċisqof M.Gonżi. Ħaġa mhux tas-soltu fil-Presepju kien hemm siġra tal-Milied mimlija bozoz ta' kull lewn- kompromess bejn il-ġdid u tradizzjonali.

## Presepju tassew speċjali

Din id-darba l-Presepju kien imqassam fi tliet partijiet. Kien hemm fl-ewwel parti Torri f'belt f'idejn ir-Rumani. F'din il-parti kien hemm Ċenturjun Ruman fuq żiemel u suldati Rumani jgħassu l-Belt, filwaqt illi l-iskriba Ruman qed jikteb iċ-ċensiment skond l-editt li ħareġ Cesare Augusto.

It-tieni xena kienet marbuta ma' ta' l-ewwel permezz ta' passaġġ twil li jieħdok minn ħdejha, u tibqa nieżel għal Betlem fejn tara l-għerien tal-annimali u f'wieħed minnhom fuq maxtura kien hemm il-Bambin. Ir-rgħajja għaddejjin offrew ir-rigali tagħhom-ħalib, butir u ħrief.

Minn hawn kien hemm telgħa permezz ta' rampa u ssib ruħek fit-tielet u l-aħħar xena, fejn tara rżieżet, il-fran, il-mitħna, u vaski bl-ilma. Kien hemm ukoll *s-sette dormienti,* jew aħjar, is-seba' rgħajja reqdin qed ikellimhom l-anġlu dwar li twieled il-Messija. Waqt li qed tara dan kollu tisma' d-daqq fuq iż-żaqq u t-tamburlin, żewġ strumenti tipiċi ta' żmien il-Milied f'Malta.

Barra minn hekk, imxerrdin mal-Presepju kollu tara mill-qrib ħrief u annimali li s-soltu mdorrijin narawhom tat-tafal. In-nies kienu jistgħu joqogħdu jduru fil-passaġġi tal-

Presepju stess.

It-tielet sena reġgħu għamlu l-Presepju, iżda din d-darba minħabba t-temp marru mill-ġdid fis-Salvatur il-Qadim. Xi postijiet ippruvaw jagħmlu wkoll presepju ieħor (bħal fil-Furjana) iżda biż-żmien kollox miet. Reġgħu għamlu xi edizzjonijiet oħra fil-bitħa tal-każin tal-banda ta' Ħal Lija iżda anke dawn spiċċaw.

## L-iskop

L-iskop ta' Dun Anton Ebejer kien intlaħaq. Il-Presepju mhux talli ma mietx iżda f'Malta u F'Għawdex hawn żewġ għaqdiet li jxerrdu n-namra tal-Presepju. Dawn l-għaqdiet jagħmlu wirja tal-Presepji kull sena. Forsi 'l quddiem dan l-spirtu ta' Presepju Ħaj jerġa' jitwieled, din id-darba fost in-nies li joqogħdu madwar il-kappella storika tal-Mirakli li hemm bejn Ħal Lija u Ħ'Attard. Għaliex? Għax Dun Anton għandu f'idejh din il-kappella.

Grazzi Dun Anton talli wellidt mill-ġdid drawwa tassew sabiħa. Għalija l-Presepju mhu xejn aktar ħlief forma oħra ta' talba, talba fejn turi t-tjubija u l-ħniena t'Alla jen il-bniedem.

(Nota: Dan l-artiklu nkiteb fl-1996 u minn dak inhar il-quddiem reġgħu bdew jittellgħu presepji ħajjin f'diversi nħawi ta' Malta.)

## Diċembru 2012









# Il-Presepju tiegħi

Judith Gatt OFS

Ta' kull sena, fi żmien il-Milied, narma l-presepju bi ftit dawl żgħar biex iffakkarni fil-miġja tal-Feddej kif ukoll fl-ewwel presepju li għamel San Franġisk t'Assisi.

L-iżgħar pastur li hemm hu l-Bambin fil-maxtura; fl-istess ħin nafu li hu l-ikbar wieħed għax hu l-bidu ta' kollox. Marija bil-ħlewwa tindukrah tajjeb u Ġużeppi, raġel ġust. Iħares lejhom. Ir-rgħajja deħlin mgżaġġlin fil-għar, wieħed minnhpm mibni b'saffejn, b'xagħar twil qisu Sansun u ieħor jadura l-Messija, it-tarbija mistennija għall-fidwa tal-unabita. In-nagħaġ deħlin ukoll biex jaraw x'hemm f'dak il-lejl speċjali iktar mis-soltu.

L-anġli, min jadura, min jitpaxxa bil-Bambin waqt li l-anġlu ta' fuq il-grotta b'żigarella f'idejh li tgħid **"Gloria in excelsis Deo!"** Il-ħmara u l-baqra, li kellhom ix-xorti li jkunu hemm għal din il-ġrajja hekk kbira, bin-nifs tagħhom isaħħnu lit-tarbija Ġesù. Il-Maġi ġejjin mill-bogħod u qatt ma jaslu għax weqfin fuq l-iġmla tagħhom, iħarsu lejn il-kewkba li waqfet fuq il-grotta.

Raġel bejjiegħ tal-ħut ifakkarni li bosta mill-Apostli kienu sajjieda tal-ħut u nbidlu f'sajjieda tal-etwieħ. Mara għaddejja bil-ħobż f'idejha tfakkarni li Ġesù qalilna li hu l-ħobż tal-ħajja. Dawn iż-żewġ pasturi flimkien ifakkruni ukoll fil-miraklu tat-tkattir tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet. Pastur ieħor huwa raġel iġorr il-kritel tal-inbid fuq karrettun immexxi minn barri. Dan iġibli quddiem għajnejja l-miraklu tat-tieġ ta' Kana u iktar minnhekk li l-Mulej Ġesù għażel l-inbid biex jibdlu f'demm l-għażiż fl-aħħar ikla tiegħu tal-Patt il-Ġdid. Wat l-inbid, l-aktar għal-Lhud, ifisser festa.

Hemm raġel ieħor jixrob l-ilma minn għajn ta' l-ilma. Dan qisu jrid jgħidli li kif l-ilma li jfisser ħajja huwa ferm importanti għall-bniedem, hekk ukoll Ġesù Kristu huwa bżonn għall-ħajja tal-bniedem. Barra minn hekk, dan l-istess ilma jfakkarni f;meta suldat Ruman nifed il-ġenb ta' Ġesù fuq is-salib u minnu ħarġu ftit qtar ta' l-ilma. Ifakkarni wkoll f'dak il-passaġġ ta l-Antik Testment meta l-Poplu Lhudi qam kontra Alla għax kien bil-għatx fid-deżert Sinaj; u Alla ordna 'l Mose biex jagħtihom jixorbu minn blata u hekk sar. Mara ttella' l-ilma mill-bir tfakkarni fis-Samaritana li talbet lill-Ġesù jagħtiha l-ilma li jaqta l-għatx għal dejjem. Dan l-istess bir jfakkarni wkoll fil-bir ta' Ġakobb. Żewġ nisa Lhud jitkellmu bejniethom resqin lejn il-bir waqt li waħda minnhom iġġor ġarra f'idha. Dawn ifakkruni f'Marta u Marija, żewġ nisa ħbieb ta' Ġesù.

Ftit imwarrab mill-grotta jidher ġuvnott jaħdem l-għalqa. Ifakkarni f'dak il-missier li bagħat liż-żewġ uliedu jaħdmu l-għalqa. Il-kbir qallu li se jmur u ma mar xejn, waqt li ż-żgħir mar u ħadem l-għalqa għalkemm għall-ewwel ma riedx imur. F'għar żgħir hemm ukoll żagħżugħ rieqed. Dan ifakkarni fil-bniedem li ma jħaddimx it-talenti li Alla għoġbu jisilfu għall-ġid tiegħu u ta' ħaddieħor. Minn quddiem il-grotta għaddej raġel liebes ta' wieħed mill-kbarat bil-ħorġa mdendla ma' spalltu li tasal sa qaddu, ma jimpurtah xejn minn ħadd. Dan ifakkarni fil-fariżej li dejjen kienu jmaqdru lil Ġesù u għassa għal kull ma jgħid u jagħmel.

Pastura oħra għaddejja minn quddiem il-grotta hija mara xwejħa bl-ixkora fuq daharha

li ma tindunax bl-isbuħija ta' dan il-lejl tal-Milied. Jimputaha biss minnha nnifisha u tinsa t-tbatijiet ta' ħaddieħor, kif drabi nagħmlu aħna llum. Hi qed iġġorr it-tbatija fl-ixkora tagħha u tinsa il-miġja tal-Feddej li jinsab tant fil-qrib.

Fl-istess presepju hemm razzett b'ħafna annimali. Hemm min qed jaħleb u min jagħlef, waqt li wieħed qed idoqq il-flawt. Boton qżieqeż magħluqa wara xatba. Dawn ifakkruni meta l-Mulej keċċa l-leġjun tax-xjaten u bagħathom f'merħla ħnieżer li kollha marru u qabżu mill-irdum għal isfel. In-nies tal-inħawi keċċew lil Ġesù min hemm għax kienu irrabjati sew li tilfu l-ħnieżer tagħhom għal xejn b'xejn. M'għarfux li Ġesù Kristu Hu l-Messija, bħal ħafna nies oħra fosthom il-Lhud li għadhom jistennew il-Messija. Dan il-botohn ħnieżer ifakkarni ukoll fl-istorja tal-Iben il-Ħali li spiċċa jirgħa lill-qżieqeż sa ma ntebaħ bil-miżerja tiegħu u mar lura għand missieru.

Hemm ukoll raddiena żgħira fuq għolja u siġar 'l hawn u 'l hinn. Lampa ħelwa fil-għar biex tagħti dawl liċ-ċkejkna pasturi miġbura biex iqimu lill-Bambin, tfakkarni li Ġesù innifsu huwa d-dawl tad-dinja. Il-qamar ħiemed jagħti l-wens lil kulħadd u l-kwiekeb ileqqu juru s-sbuħija ta' dak il-lejl. Il-kewkba l-kbira ddawwal is-sema bid-dija tagħha għax twieled ir-Re tar-rejiet.

Dan il-presepju għalija huwa mezz biex bih nirrifletti aktar fuq il-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ħin li nqatta' inħares u niċċassa lejh żgur mhux telf ta' żmien.








the Embassy
...where else!
OPEN ALL DAY EVERY DAY
UNTIL 24TH DECEMBER
Free parking at MCP car park when spending €50 at:
T&C APPLY
Agendabookshop
UNITED COLORS OF BENETTON.
Bershka
MONSOON CHILDREN
UNDER shoes
St Lucia Street, Valletta | www.embassycomplex.com.mt
Embassy Shopping Complex